Unità 1

# Jibnini fis-sod!



**SKOP TAL-UNITÀ**

F'din l-unità l-parteċipanti jagħrfu li qegħdin f'dinja fejn kontinwament iridu jagħmlu għazla biex jagħrfu bejn it-tajjeb u l-ħazin u li bosta drabi din l-għażla titlob sagrifiċċju għax jaħsbu li qegħdin waħedhom. Iżda biex jaslu biex jagħrfu bejn it-tajjeb u l-ħażin u jagħżlu t-tajjeb, iridu ikun nies ta' karattru fejn akkost ta' kollox jimxu kontra l-kurrent u fl-istess ħin ikunu nies li jġibu differenza fil-ħajja ta' ħaddieħor. Għalhekk f'din l-unità, il-parteċipanti iridu jagħrfu li jridu jibnu karattru.

# 1 Nagħraf lili nnifsi u l-identità tiegħi

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Matul din il-lezzjoni ser nieqfu ftit u nitkellmu fuqna nfusna – min aħna, x'inħobbu u x'jagħmilna dak li aħna. Il-parteċipanti se jindunaw li għandhom affarijiet komuni u oħrajn li huma differenti. Kieku kulħadd kellu l-istess interessi u kapaċitajiet ma tantx kienet tkun interessanti l-ħajja iżda l-fatt li kollha kemm aħna differenti nistgħu ngħinu lil xulxin nikbru u nitgħallmu affarijiet ġodda.

## Ikollok bżonn:

- Ritratt tal-parteċipanti
- Song 'God is good all the time' ara CD riżorsi
- Magazine cut-outs

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Nagħraf lili nnifsi...

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

**INTRODUZZJONI**

Il-katekista jgħaddi minn nofs u jitlob lill-parteċipanti kollha biex ipoġġu r-ritratti tagħhom ġol-kaxxa vojta. Iqiegħed ukoll il-karta tal-identità tiegħu.
Jistaqsi: "Issa li għandna r-ritratti kollha ġo kaxxa waħda u qegħdin imgerfxin, taħsbu li intom kollha kapaċi tfittxu u ssibu r-ritratt tagħkom?"
"Taħsbu li se tkun ħaġa faċli jew diffiċli biex issibuhom?"

**KONTENUT**

Issa l-katekista ipoġġi l-kaxxa fuq il-mejda u jibda bl-ewwel parteċipant. Jitolbu jmur ħdejh u minn ġol-kaxxa jtella' ritratt (NB Jekk jinzerta jkun ta' dak l-istess parteċipant, allura jpoġġih lura u jtella' ieħor). Jurih lil kulħadd u jurih lill-parteċipant u jistaqsih jekk hux tiegħu. Naturalment dan jgħidlu: LE.

Il-katekista jistaqsih minn xhiex induna li dak ir-ritratt mhux tiegħu u bil-mod il-mod iwasslu għal tweġibiet bħal "għax jien għandi xagħri iswed; għax jien m'għandix nuċċali; għax jien tifel u dik tifla."

Wieħed wieħed il-parteċipanti jitilgħu ħdejn il-katekista u jiġbru r-ritratt tagħhom. Huwa jistaqsihom: “Kuntenti li għandkom ir-ritratt tagħkom u mhux ta’ ħaddieħor?” Imbagħad jispjega għaliex kulħadd irid ir-ritratt tiegħu għaliex DAK juri min tassew aħna. Imbagħad joħroġ il-karta tal-identita` tiegħu u jurihilhom u jispjegalhom li jekk pulizija jitolbu karta tal-identita`, huwa jrid jurih dik li turi wiċċu u mhux wiċċ ħaddieħor. Dik hija l-karta tal-identità għax fiha tidher l-identità ta’ min jidher fir-ritratt.

Jgħidilhom xi tfisser identità li kull bniedem għandu l-identità tiegħu u li ħadd ma jista’ jiħodhielu. Imbagħad il-katekista jagħti ftit ritratti/stampi minn magazines lill-parteċipanti u jgħidilhom biex iwaħħlu r-ritratt tagħhom u r-ritratt tal-magazine ħdejn xulxin. Taħt ir-ritratt tagħhom jiktbu: DAN JIENA. Taħt l-ieħor jiktbu: DAN MHUX JIENA. Il-katekista mbagħad tikteb: Alla tana l-identità tagħna. Alla ħalaqna kollha differenti minn xulxin. Taħt nett imbagħad jiktbu dawn iż-żewġ sentenzi. Jiktbu wkoll: GOD IS SO GOOD. Alla jħobbna għaliex għamilna dak li aħna.

NB: Jekk f’xi klassi jkun hemm tewmin din tista’ tittieħed bħala challenge. Għalkemm jixxiebħu daqshekk imma xorta għandhom affarijiet li jagħmluhom differenti.

Biex il-katekista jkun jaf li l-parteċipanti fehmu dwar l-identità, iġiegħel lill-parteċipanti jiktbu xi ħaġa li tagħmilhom differenti minn sħabhom tal-klassi. Eżempju: “Jien għandi kelb jismu Thunder”. Jew, “Jien għandi ħija jismu James.” Jekk xi ħadd jagħżel xi ħaġa li hemm oħrajn bħalu, allura l-katekist jgħidlu biex jagħżel xi informazzjoni oħra li turi li hu differenti.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Ħeġġeġ lill-parteċipanti jwaħħlu ritratt reċenti tagħhom f’paġna 2 tal-ktieb tal-attivitajiet u f’paġna 3 jwaħħlu stampi ta’ nies oħra biex tidher id-differenza. Fl-aħħar il-parteċipanti għandhom jiktbu xi karatteristiċi tagħhom.

## Għeluq

Bħala konklużjoni tal-laqgħa nkantaw is-song *God is good all the time* bħala konklużjoni tal-laqgħa tagħna. Infakkru lit-tfal li l-kant lil Alla huwa talb, anzi Santu Wistin jgħidilna li jiswa darbtejn.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Ħarsa mil-lenti tal-oħrajn

**L-GĦAN**
Matul din il-lezzjoni ser niddentifikaw lilna nnfusna f'sitwazzjonijiet differenti. Il-parteċipanti ser isaqsu dwar kif iħarsu lejhom infushom u kif ħaddieħor iħarsu lejhom infushom.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

**INTRODUZZJONI:**
Fil-bidu tal-lezzjoni il-katekista iqabbad lil żewġ parteċipanti biex imorru ħdeh. Hu juri ritratt ta' persuna lil wieħed mill-parteċipanti biss. Dan irid jiddiskrivih tajjeb kemm jista' jkun biex il-parteċipant l-ieħor jipprova jaqta' min hu. Naturlament il-parteċipant li jkun qed jipprova jaqta' ma jistax iħares lejn ir-ritratti imma jisma' d-deskrizzjoni ta' sieħbu.

Minn din l-attività l-katekista jispjega li aħna m'aħniex ngħixu waħdena u kulħadd iħares lejna mill-lenti tiegħu jew tagħha.

**KONTENUT**
Din id-darba l-katekista jistaqsi lill-parteċipanti biex jiktbu fuq karta kif iħarsu lejhom infushom. Din il-karta iżommuha f'ġenb. Imbagħad kull parteċipanti ikollu karta oħra u jikteb ismu fuqha. Din imbagħad tgħaddi għand kull parteċipant ieħor u fuqha jiktbu kwalitajiet sbieħ fuq il-parteċipant imsemmi fil-karta.

B'hekk kull parteċipant jikteb kwalità sabiħa fuq kull wieħed minn sħabu. Hekk kif tispiċċa din l-attività, il-parteċipanti joħorġu l-karta li jkunu iddiskrivew lilhom infushom. Waqt li jisimgħu dak li nkiteb fuqhom, il-parteċipanti jaraw jekk il-mod kif iħarsu lejhom infushom hux l-istess mod kif ħaddieħor iħares lejhom. Minn hawn nistgħu nwasslu l-parteċipanti biex jifhmu li kultant ċertu azzjonijiet tagħna jistgħu jinftehmu differenti ħafna minn dak li nkunu nixtiequ u allura importanti li f'dak li ngħidu u nagħmlu noqgħodu attenti li ma nweġġgħu 'l ħadd.

## Ikollok bżonn:

- Ritratt ta' persuna
- Ballun żgħir
- Karti żgħar (A6)
- Lapsijiet

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipant iwaħħal il-karti li ntużaw fil-lezzjoni f'paġna 4 filwaqt li f'paġna 5 hemm sitwazzjonijiet differenti li niltaqgħu magħhom u fil-ġenb il-parteċipant irid ipinġi emoticon (wiċċ li juri kif tħossok, eżempju ☺ jew ☹) kif jaħseb li l-persuna fl-istampa tħossha.

## Għeluq

Il-parteċipanti iqumu bil-wieqfa f'nofs il-klassi u joqgħodu f'forma ta' ċirku. Wieħed mill-parteċipanti ikollu ballun f'idejh u wara li jgħid isem ta' parteċipant ieħor u jsemmi kwalità tajba fuqu, jitfa' l-ballun lil istess parteċipant. Dan jagħmel l-istess lil ħaddieħor sakemm kull parteċipant ikun wasal il-ballun għandu.

Noti personali:



# 2 Alla tani l-libertà biex nagħżel

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Alla tani l-libertà biex nagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin. Alla tana l-għażla u r-rieda ħielsa. Il-libertà għandha l-konsegwenzi tagħhom. Bħala eżempju nistgħu nieħdu lil Adam u Eva

## Ikollok bżonn:

- Video 'Tell Me the Story: Adam and Eve Disobey God' ara CD riżorsi
- Presentation tal-istorja ta' *Little Red Riding Hood*

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-libertà biex nagħzel

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

Fil-bidu tal-lezzjoni tingħad l-istorja ta' *Little Red Riding Hood* b'mod animat. Dan isir permezz ta' stampi li jintwerew waħda waħda waqt li tiġi rrakuntata l-istorja. Ikun hemm diskussjoni dwar x'għażliet li kellha u x'konsegwenzi kienu jġibu magħhom.

**KONTENUT**
Biex inkomplu nibnu fuq it-tema tal-għażliet nirrakkontaw l-istorja mill-Bibbja ta' Adam u Eva. Jista' jintuża l-video 'Tell Me the Story: Adam and Eve Disobey God'. Isir enfażi fuq il-punt li l-akbar fost ir-rigali li Alla ta lill-bniedem kienet il-libertà. Imma dan ir-rigal nistgħu nużawh ħażin u dan hu l-messaġġ tal-istorja ta' Adam u Eva.

Stieden erba' parteċipanti joħorġu u rrakkonta l-istorja forma ta' play spontanja. Wara li ssir il-play, il-katekista jerġa juri clip minn "1:19-1:35" u jwieġbu dwar kif ħassewhom meta għamlu xi ħaġa ħażina.

## Ktieb tal-Attivitajiet

F'paġna 7 tal-ktieb hemm serp li qed iżomm kartellun. Stieden il-parteċipanti jiktbu fuq il-kartellun id-diffikultajiet li jsibu meta jiġu biex jagħżlu filwaqt li fil-kumplament tal-paġni jiktbu l-affarijiet li jgħinuhom. Dan l-eżerċizzju jgħinhom jiffukaw inqas fuq dak li jtellef u jindunaw li hemm ħafna affarijiet li jgħinu.

## Għeluq

Bħala konklużjoni tal-laqgħa stieden il-parteċipanti joħorġu persuna persuna jiktbu fuq il-board nies li jgħinhuom jagħmlu l-għażliet it-tajba u fl-aħħar nitolbu għalihom.

Noti personali:



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Kif nista' ngħin?

**L-GĦAN**
Matul din il-lezzjoni ser nidħlu aktar fil-fond fit-tema tal-libertà u se niffukaw fuq kif nużaw il-libertà tagħna biex nagħmlu l-ġid.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

## Ikollok bżonn:

- Video Clip mill-film 'Patch Adams' ara CD riżorsi
- Song 'Shepherd of my Soul' ara CD riżorsi
- Envelopes bis-sitwazzjonijiet

Fil-bidu tal-lezzjoni jintwera l-video suġġerit mill-film Patch Adams. Wara l-katekista jitkellem dwar x'għażla kellu Patch Adams quddiem it-tfal morda. Hu seta' jibqa' għaddej jew inkella jidħol ġewwa u janima lit-tfal (kif eventwalment għamel). X'konsegwenzi kellu ta' dik l-għażla li għamel?

**KONTENUT**
Jiġu ppreżentati għażliet li rridu nagħmlu fil-ħajja ta' kuljum. Jingħataw envelopes żgħar u f'kull waħda ikun hemm sitwazzjoni. Kull grupp irid jiddeċiedi sitwazzjoni li għandu

John imur l-iskola u qatt ma falla ħlief meta kien ma jiflaħx. L-iskola joqgħod attent, isaqsi waqt il-lezzjoni, isaqsi meta jkun hemm bżonn u jipparteċipa. Il-homwework dejjem għamlu tajjeb kif seta' u qatt ma ħalla xejn barra. Dejjem sema' kummenti tajbin dwaru. Iżda John ma kienx iħobb jistudja. Għalih li joqgħod attent fil-klassi u li jagħmel il-homework hu biżżejjed. L-eżamijiet dejjem qed joqorbu. X'ser jagħmel?

Maria tħobbu ħafna lil Ġesù. Tmur il-lezzjonijiet tal-katekiżmu tgħix ħajja tajba u tgħin lil dawk ta' madwarha. Mhux l-ewwel darba li qabżet għal ħabiba tagħha fl-iskola meta sħabha tal-klassi jaqbdu magħha. Tkun minn tal-ewwel biex tgħin lil xi ħadd li jkun tilef xi lezzjonijiet għax ikun ma jiflaħx. Iżda minn naħa l-oħra tiddejjaq tmur il-knisja. Tgħid li tiddejjaq u ġġib elf skuża biex ma tmurx. Wasal il-jum tal-Ħadd u sar il-ħin għal quddies. X'ser tagħmel?

Abigail hi persuna ċajtiera ħafna u dejjem imdawra bil-ħbieb. Għandha karattru ħelu u tmur tajjeb ma' kulħadd. Kulħadd ifittixha għax kull fejn tkun toħloq atmosfera sabiħa. Iżda hekk kif tidħol id-dar tagħha, Abigail donnha tinbidel. Mal-ġenituri tagħha ma tantx tmur tajjeb. Tħossha li qed jifftitawha żżejjed u ma jħalluhiex tagħmel li trid. Abigail qiegħda fuq il-computer u ssejħilha ommha biex tiżel tgħinha fil-platti. X'tagħmel?

Ismael għandu qalb tad-deheb. Jara kif jagħmel u jgħinek mill-ewwel anke jekk ibati hu. Iżda minn naħa l-oħra ser ikun jgħid li jiddejjaq jitlob. Iħossu li qed jitkellem waħdu għax ma jisma lil ħadd min iwieġbu. Wara kollox Ġesù jaf x'għandu bżonn u allura ma hemmx għalfejn jitolbu. Fl-istess ħin jixtieq ikun jaf iktar minn hu dan Ġesù. Qed jismà lil ommu tgħajjatlu biex imur jgħid ir-rużarju magħhom. Tgħid jinżel jew joqgħod komdu fis-sodda?

Paul iħobbu wisq żaqqu. L-iskola jisma' ħafna kemm hu importanti li nieklu ikel tajjeb għas-saħħa u bil-qies. Ommu tagħmillu lunch vera tajjeb għal iskola iżda jgħid li jieklu mill-ewwel u xorta jaqbdu l-ġuħ. Meta jkun id-dar, arah jiftaħ l-armarju tal-kċina u jnaqqar xi ċikkultata li ommu tkun ħbietlu. Id-dentist diġa qallu li jekk jibqa' sejjer hekk, ser ikollu inkwiet fi snienu. Missieru mar biex imur jixtrilu. Hu u ġej id-dar jgħaddi minn quddiem ħanut ibigħ il-junk food. Il-pizza tgħidx kemm kienet qed tfuħ minn barra. Ftakar li ommu lestietlu x'jiekol. X'jagħmel?

# Ktieb tal-Attivitajiet

Fuq il-ktieb il-parteċipanti jiktbu xi punti li ssemmew fid-diskussjoni fuq dak li għamel Patch Adams u fl-aħħar jiktbu talba biex huma wkoll ikunu persuni li jagħmlu differenza.

# Għeluq

Bħala konklużjoni tal-laqgħa nkantaw is-song *God is good all the time.*

# Noti personali:



## X'għandi nagħmel? Kif nista' ngħin?

X'tagħmel meta tiltaqa ma' xi ħadd imdejjaq jew marid? Forsi l-ewwel reazzjoni tagħna tkun li noqgħodu lura u nħallu lill-oħrajn jinkwetaw. Imma fil-fond ta' qalbna nafu li kull wieħed u waħda minnha għandu dik ix-xewqa sigrieta li jagħmel lil jgħin lill-oħrajn. Patch Adams ma ħallix din ix-xewqa tibqa' moħbija imma daħal fis-sala tal-isptar u għen kif seta'.

Hawn taħt ikteb x'għamel Patch Adams u x'effet ħallew l-azzjonijiet tiegħu fuq l-oħrajn.

8

## SHEPHERD OF MY SOUL

Shepherd of my soul I give you full control,
Wherever You may lead I will foll-ow.
I have made the choice to listen for Your voice,
Wherever You may lead I will go.

Be it in a quiet pasture or by a gentle stream,
The Shepherd of my soul is by my side.
Should I face a mighty mountain or a valley dark and deep,
The Shepherd of my soul will be my guide.

Ikteb talba sabiex Alla jgħinek biex fil-mument tal-bżonn tagħmel differenza

9

# 3 Għaliex jeżisti l-ħażen

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
L-għarfien tas-sitwazzjoni ta' madwarna. Insaqsu għaliex hawn il-ħażin. Bħala eżempju nistgħu nieħdu il-parabbola tal-qamħ u s-sikrana.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Għaliex jeżisti l-ħażen

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

Fil-bidu tal-lezzjoni, il-katekista juri diversi stampi negattivi li hawn madwarna. Dawn jistgħu ikunu stampa ta' gwerra, faqar, drogi, alkohol, bullying etc ... Imbagħad juri stampi pożittivi oħra bħal familja kuntenti, tfal jgħinu lil xulxin, jiġbru l-iskart, zgħażagħ jagħmlu volontarjat mat-tfal fqar etc ... Il-parteċipanti iridu jagħrfu bejn liema huma l-pożittivi u n-negattivi.

**KONTENUT**
Tingħad il-parabbola taż-żerriegħa u s-sikrana permezz tal-presentation. Ġesù kien iħobb jgħallem bil-parabboli, stejjer qosra b'tagħlima. Ħafna drabi dawn l-istejjer kienu jinbidlu skont in-nies li kien ikollu madwaru. Jekk kien f'imkien marbut mas-sajd kien jitkellem fuq is-sajd filwaqt jekk kien f'post b'ħafna bdiewa kien jitkellem fuq il-biedja.

"Kien hemm bidwi li kellu ħafna għelieqi kbar. Tant kemm kellu għelieqi, li miegħu kien iħaddem xi bdiewa biex ikunu jistgħu jgħinuh fix-xogħol tar-raba'.

Kien wasal iż-żmien li jinżara l-qamħ. Bħal kull sena ħarġu l-bdiewa jxerrdu ż-żerriegħa tal-qamħ. Beda jgħaddi ż-żmien u l-qamħ beda tiela. Iżda kien hemm xi ħaġa differenti minn tas-soltu. Indunaw li mal-qamħ, bdiet tiela ukoll is-sikrana. Din is-sikrana ma tkunx tajba għal ikel bħal qamħ u allura tagħmel ħafna ħsara. Il-bdiewa inkwetaw b'dak li ġara u marru jgħidu lil sid il-għalqa. Sid il-għalqa induna li dan kien xogħol l-għadu li

### Ikollok bżonn:

- Presentation tal-Parabbola taż-żerriegħa (ara CD tar-riżorsi)
- Stampi ta' gwerra u ħażen (ara CD tar-riżorsi)

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti jaraw x'kellu f'moħħu meta kien qed jitkellem fuq il-qamħ u s-sikarana. Isibu xi eżempji u jsibu stampi tagħhom. Iwaħħlu stampi li għandhom x'jaqsmu mas-sikrana u stampi li għandhom x'jaqsmu mal-qamħ.

## Għeluq

Għalaq il-laqgħa b'talba qasira.

ried jgħamillu l-ħsara. Il-bdiewa ħarġu bl-idea li joħorġu jaqtgħu s-sikrana biex iħallu l-qamħ waħdu. Iżda sid il-għalqa ma riedx għax beża li mas-sikrana, jaqilgħu l-qamħ ukoll bi żball. Għalhekk qallhom biex iħalluhom jibqgħu tilgħin flimkien u meta jasal żmien il-ħsad, jaħsdu kollox flimkien."

Meta wasal żmien il-ħsad, ħarġu l-bdiewa biex jaħsdu l-prodotti tar-raba'. Ħasdu kollox, il-qamħ u s-sikrana. Il-qamħ ġabruhom fl-imħażen iżda s-sikrana ħaduha għal ħruq.

**Punti għad-diskussjoni:**

Għalfejn taħseb li Ġesù qal biex iħalluhom jikbru t-tnejn flimkien?
X'inhuma l-qamħ u s-sikrana fid-dinja tallum?
Għalfejn mhux possibli li nneħħu s-sikrana?
X'ser nagħmlu biex din ma tħallinhiex taffettwana?

## Noti personali:



**B. It-Tieni Laqgħa**

# X'jagħmel azzjoni tajba?

**L-GĦAN**
X'inhuma l-kriterji biex nagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin? X'jagħmel xi ħaġa tajba u xi ħaġa ħażina? Bħala mudell nistgħu nieħdu l-Beatudnijiet.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

**INTRODUZZJONI:**
Isir eżerċizzju ta' malajr fil-klassi bl-opposti. Il-katekista isaqsi u l-parteċipanti iwieġbu mill-ewwel. Eż: abjad – iswed, iebes – artab, fuq – isfel, tifel – tifla, kiesaħ – sħun, dlam – dawl etċ ... Jispiċċa bl-oppost ta' tajjeb u ħażin.

**KONTENUT**
Issir diskussjoni ta' x'inhu tajjeb u ħażin. Il-katekista jipprepara ftit larinġ magħsur u lumi magħsur u jagħti biex iduqu parteċipanti. L-effetti ħa jkunu differenti. Il-katekista joħroġ li nkun naf x'inhu tajjeb u ħażin skont mill-effetti tiegħu.

Toħroġ id-diskussjoni dwar minn fejn nagħraf li xi ħaġa hi tajba jew ħażina. Dan nagħrfu skont l-effetti tagħha. Il-katekist jista' joħroġ b'diversi eżempji bħal: gwerra, il-missjunaru, persuna li ġġelled lil sħabha fil-klassi etċ.Ma' kull eżempju jiddiskutu jekk hiex azzjoni ħażina jew tajba. Azzjonijiet tajbin iġibu effetti tajbin u azzjonijiet ħżiena iġibu effetti ħżiena.

## Ikollok bżonn:

- Song 'The Beatitudes Song' ara CD riżorsi
- Larinġa magħsur
- Lumi magħsur

## Ktieb tal-Attivitajiet

Wara li fil-klassi tkellimna fuq il-beatitudnijiet issa l-parteċipant iqabblu l-partijiet differenti tal-beatitudnijiet flimkien.

## Għeluq

Fl-aħħar il-laqgħa tispiċċa bis-song 'The Beatitudes Song' bħala talba.

**WAQT IL-LEZZJONI JITGĦALLMU L-BEATUDNIJIET:**
Dawn huma *guidlines* li tana Ġesù għal dawk li jixtiequ jkunu tassew ferħanin.

Henjin il-foqra fl-ispirtu,
**għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.**

Henjin l-imnikkta,
**għax huma jkunu mfarrġa.**

Henjin ta' qalbhom helwa,
**għax huma jkollhom b'wirthom l-art.**

Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja,
**għax huma jkunu mxebbgħin.**

Henjin dawk li jħennu,
**għax huma jsibu ħniena.**

Henjin dawk li huma safja f'qalbhom,
**għax huma jaraw 'l Alla.**

Henjin dawk li jġibu l-paċi,
**għax huma jissejħu wlied Alla.**

Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa,
**għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.**

Henjin intom, meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija. Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet. Hekk kienu jippersegwitawhom lill-profeti li kienu qabilkom.

## Noti personali:



# X'jagħmel azzjoni tajba jew ħażina?

## Il-Beatitudnijiet

Henjin il-foqra fl-ispirtu... — għax huma jkunu mfarrġa.

Henjin l-imnikktin... — għax huma jkunu mxebbgħin.

Henjin ta' qalbhom ħelwa... — għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

Henjin dawk bil-ġuħ u l-għatx għas-sewwa... — għax huma jkollhom b'wirthom l-art.

12

Henjin dawk li jħennu... — għax huma jaraw 'l Alla.

Henjin dawk ta' qalbhom safja... — għax huma jsibu ħniena.

Henjin dawk li jġibu l-paċi... — għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa... — għax huma jissejħu wlied Alla.

## THE BEATITUDES SONG

Blessed are the poor in spirit
those who see the sin in their hearts.
Blessed are the ones who are weeping
'cause sin has torn the whole world apart.

Blessed are the meek and humble
God will freely give them all things.
Blessed are the ones who are hungry
and thirst for justice and wait on their King.

**We are the salt of the earth
so we're gonna shake, shake, shake
like a salt shaker.
We are the light of the world
so we're gonna shine, shine, shine
till the night's no more.
We're gonna shine, shine, shine
till the night's no more.**

Blessed are the merciful
whose sins are forgiven so they can forgive.
Blessed are the pure in heart
God will show his face to them.

**We are the salt of the earth
so we're gonna shake, shake, shake
like a salt shaker.
We are the light of the world
so we're gonna shine, shine, shine
till the night's no more.
We're gonna shine, shine, shine
till the night's no more.**

Blessed are the ones who make peace
loving others with the Savior's love.
Blessed are those bullied for their faith
Great in God's Kingdom will be their reward.

**We are the salt of the earth
so we're gonna shake, shake, shake
like a salt shaker.
We are the light of the world
so we're gonna shine, shine, shine
till the night's no more.
We are the salt of the earth
so we're gonna shake, shake, shake
like a salt shaker.
We are the light of the world
so we're gonna shine, shine, shine
till the night's no more.
We're gonna shine, shine, shine
till the night's no more.**

13

# 4 Kif nibni karattru sod?

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din il-laqgħa se nintroduċu mal-parteċipanti l-virtù tal-qawwa. Se naraw xi tfisser tkun ta' karattru u x'jagħmel pseruna ta' karattru sod.

## Ikollok bżonn:

- Song 'I am Counting on God' (ara CD tar-riżorsi)
- Ħabel

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-Karattru Sod

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

Il-katekista jqabbad parteċipant u jgħidlu biex jimbotta b'kemm għandu saħħa l-ħajt. Jekk dan ma jirnexxielux, jipprova jġib iktar għajnuna. Naturalment il-ħajt ma jaqax. L-istess parteċipant jipprova jimbotta siġġu u dan faċilment jimxi. Il-parteċipant isaqsi għalfejn ma rnexxielux jimbotta l-ħajt u siġġu le. Il-parteċipant jista' jagħmel dan billi jorbot ħabel ma' idu u jipprova jgħid lil xi ħadd biex jiġbdu (bħal tug of war). Il-katekista ser ikun iktar sod mill-parteċipanti.

**KONTENUT**
Il-katekist joħroġ id-differenza bejn ġisem b'saħħtu u karattru b'saħħtu. Il-karattru sod joħroġ l-iktar meta l-persuna tkun għaddejja minn mumenti diffiċli u xorta waħda tibqa' għaddejja.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti iwaħħu stampi ta' nies li jammiraw għall-karattru sod tagħhom.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa bid-diska "Counting on God"

Noti personali:



**B. It-Tieni Laqgħa**

# X'jagħmel azzjoni tajba?

**Ikollok bżonn:**

- Video 'Derek's Story' ara CD riżorsi

**L-GĦAN**
Issa se nuru l-virtù tal-qawwa fil-prattika. Il-Bibbja mimlija karattri li għexu din il-virtù. F'din il-laqgħa se ngħinu lill-parteċipanti jaraw kif il-qawwa għenet lil Rut u lil Nikodemu b'modi differenti.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

**INTRODUZZJONI:**
Il-katekista isaqsi jekk ġieli ġratilhomx xi ħaġa mhiex sabiħa fil-ħajja tagħhom. X'għamlu? Jaraw dan il-video clip. Il-katekist isaqsi x'diffikulta sab ruħu fiha Derek? Minn fejn ġab is-saħħa? Min tah l-għajnuna?

**KONTENUT**
Ikun hemm drabi meta aħna ukoll inħossuna f'diffikultà u mmorru għand Ġesù għall-għajnuna. Nikodemu ukoll kien mar għand Ġesù.

Nikodemu kien Fariżew. Dawn il-Fariżej kienu l-mexxejja reliġjużi tal-poplu Lhudi. Kien jgħallmu lil Lhud kif wieħed għandu jgħix u jħares il-Liġi t'Alla sal-inqas dettall. Iżda minn naħa l-oħra, Ġesù kien jiġbdilhom l-attenzjoni u xi kultant b'mod qawwi ukoll. Tant li kien hemm xi drabi fejn qallhom li huma ipokriti għax kienu jgħallmu ħaġa, iżda mbagħad jagħmlu totalment differenti. Kienu jisfidawh u ppruvaw iwaqqgħuh f'xi nasba iżda qatt ma rnexxielhom jidħqu bih. Anzi dejjem kien hemm tagħlima lesta għalihom. Tant kemm kellhom rabja għal Ġesù li wasslu biex gidbu fuqu quddiem Pilatu biex ikun jista' jikkundannah għal mewt.

Iżda mhux il-Fariżej kollha ma kienux hekk. Nikodemu kien Fariżew iżda kull meta kien jiddiskutu fuq Ġesù, hu dejjem kien jaqbeż għalih. Kellu rispett kbir lejn Ġesù għax kien jara fih mhux Imgħallem bħal oħrajn. It-tagħlim tiegħu kien wisq sabiħ u li kieku ngħixuh, inkunu ħafna aħjar. Tant kemm ħa interess f'Ġesù li kien imur bil-lejl isaqsih u jitgħallem iktar. Kienu jitkellmu fuq suġġetti mhux daqshekk ħfief iżda Ġesù bis-sempliċità kollha, kien ifhiemu kollox. Għallmu dwar xi tfisser terġa titwieled mill-ġdid. Dan ifisser li insiru nixbhu lil Ġesù.

Sal-aħħar baqa' jimxi wara Ġesù minkejja d-diffikultajiet li sab. Kellu karattru sod u għalkemm dawk ta' madwaru riedu li jwarrbu lil Ġesù, hu baqa' jħobbu sal-aħħar. Il-karattru sod għax ma beżax jgħid lil oħrajn li kien jimxi wara Ġesù u jimxi fuq it-tagħlim tiegħu.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Tfittxija tal-kliem. Ġol-ittri imwaħħdin ikun hemm moħbi dawn il-kliem: twelid, ġdid. Ġesù, Fariżew, verità, Nikodemu, għalliem

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.

Noti personali:



Unità 2

# Jagħmilni persuna bis-sens



**SKOP TAL-UNITÀ**

F'din l-unità se niffukaw fuq l-erba' virtujiet li huma l-għodda li għandna bżonn biex nibnu karattru sod.

# 1 Il-Ħajja Rigal ta' Alla

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Matul din il-lezzjoni ser nieqfu ftit u nirriflettu fuq il-ħajja – rigal ta' Alla li rridu nużawh bl-aħjar u bl-isbaħ mod possibli. Nagħrfu li rridu ninbnew fuq dak li għaddejna minnu. Ma nħarsux lejn il-ħajja daqs li kieku twelidna llum. Alla ħadem f'kull minuta tal-istorja ta' kull bniedem u għadu jaħdem sallum.

## Ikollok bżonn:

- Biċċa drapp biex tgħatti l-għajnejn
- Diversi affarijiet bħal lapes, pupu, arloġġ eċċ.
- Pots żgħar (jew tazzi tal-yoghurt)
- Żerriegħa tas-Sunflower
- Song 'Kemm hi sabiħa l-ħajja'

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Rigal ta' Alla

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

**INTRODUZZJONI**

Il-lezzjoni tibda billi l-katekist iqabbad parteċipant u jgħidilha biex tilbes blind fold. Il-katekist ipoġġi fuq il-mejda jew madwar il-klassi numru ta' oġġetti. Hekk kif isibhom taħt idejh, il-parteċipant jipprova jara x'inhuma l-affarijiet. Il-parteċipanti japprezzaw iktar u jaraw kemm huma xortihom tajba li jaraw u jħossu l-affarijiet ta' madwarhom.

**KONTENUT**

Il-katekista jipprovdi żerriegħa, pots u kompost. (jista' javża lil parteċipanti biex iġibu magħhom). Waqt il-lezzjoni jiżirgħu ż-żerriegħa (prefebillment tkun żerriegħa tas-sunflower). Il-katekista jgħidilhom li l-ħajja tagħna hi bħal żerriegħa li żera' Alla u llum qed tikber. Iż-żerriegħa tikber jekk aħna nieħdu ħsiebha. Aħna ukoll qed nikbru għax Alla qed jieħu ħsiebna. Il-katekista jispjega l-importanza ta' Alla f'ħajjitna u li mingħajru m'aħna xejn.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Fuq il-ktieb, il-parteċipanti jiktbu/jpenġu l-avvenimenti sbieħ tagħhom u dak kollu li jagħmlu fil-ħajja ta' kuljum.
Ipinġu: "Dan kollu għax għandi lil Alla miegħi"

## Għeluq

Bħala konklużjoni tal-laqgħa nkantaw is-song *Kemm hi sabiħa l-ħajja*. Inħeġġu lit-tfal biex jipparteċipaw ħalli t-talba lil Alla tagħna tkun isbaħ.

Il-katekista iqabbad żewġ parteċipanti u jorbtilhom id waħda flimkien. Imbagħad jgħidilhom biex jagħmlu affarijiet bażiċi bħal iġibu xi ħaġa mill-armarju jew inkella xi ħadd minnhom jaqfel il-lazz. Huma jkollhom jagħmlu kollox flimkien. Jekk wieħed irid jaqfel il-lazz, l-ieħor ħa jkollu jinżel miegħu; ser jimxu flimkien etċ.. Minn din l-attivita nitgħallmu li Alla mhux biss ħalaqna u jieħu ħsiebna iżda dejjem qiegħed magħna.

## Noti personali:



1

Il-ħajja rigal ta' Alla

Il-ħajja tagħna kultant tixbah lil dik ta' pjanta. Tibda f'ċokon kbir imma jekk issib min jieħu ħsiebha, isaqqiha u jagħtiha s-sustanzi tikber u tħalli l-frott. L-importanti hu li ssib min jikkultivaha.

KEMM HI SABIĦA L-ĦAJJA!

Kemm hi sabiħa l-ħajja,
Sabiħa l-ħajja, sabiħa l-ħajja
Meta inti jkollok is-sliem fil-qalb
Kemm hi sabiħa l-ħajja,
Sabiħa l-ħajja, sabiħa l-ħajja
Meta inti tkun ferħan.

**Ġesù Kristu ġie
bħala Salvatur
Ħa jsalvak mid-dnub,
jagħmlek bniedem pur. (x2)**

**Ġesù Kristu ġieb
vera paċi u sliem
U jagħti ħelsien
lil min m'għandux sliem. (x2)**

**Ġesù Kristu ħaj
bħala l-kbir qassis;
U lest biex jurik
kif issir qaddis. (x2)**

**Ġesù Kristu hu dak
li jagħti s-serħ;
Jidħol fik u lest
biex jimliek bil-ferħ. (x2)**

HAWNHEKK WAĦĦAL IL-KARTA LI FIHA KTIBT XI ESPERJENZI SBIEĦ LI GĦANDEK

21

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Biex nimxi fit-triq it-tajba…

**L-GĦAN**
Matul din il-lezzjoni ser nagħtu ħarsa lejn l-għodda li Alla tana biex nagħtu direzzjoni lil ħajjitna. Il-virtujiet kardinali huma dawk il-virtujiet li ħajjitna ddur fuqhom. Il-ħajja tagħna ddur fuq Alla. Nuru l-importanza taċ-ċappetti għal bieb. Mingħajr iċ-ċappetti, il-bieb ma jinfetaħx u jingħalaq u fuqhom idur il-bieb.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

**INTRODUZZJONI:**
Il-parteċipanti jagħmlu bieb u fih jagħmlu erba' ċappetti. Iċ-ċappetti jistgħu isiru billi jagħmlu żewġ kartonċiniet waħda ħdejn l-oħra bħal bieb miftuħ. Jitwaħħlu erba' strippi ta' kartonċin ta' kulur differenti fuq iż-żewġ kartonċiniet. B'hekk il-kartonċiniet ikunu jistgħu jinfetħu u jingħalqu fuq dawn l-erba' 'ċappetti'.

**KONTENUT**
Il-katekist juri l-importanza taċ-ċappetti mal-bieb. Mingħajrhom, il-bieb la jinfetaħ u lanqas jingħalaq. Fuqhom idur kollox. Il-ħajja tagħna iddur ukoll fuq erba' ċappetti. Dawn jissejħu l-virturjiet kardinali. Dan ifisser li mingħajr dawn il-virtujiet jew kwalitjiet speċjali ma nistgħux ngħixu ħajja tajba. Il-katekist isaqsi lil parteċipanti xi azzjonijiet li huma ħżiena u jagħmel lista tagħhom. Dan jista' jkun bħal meta wieħed jieħu dak li mhux tiegħu, jiġġieled ma' sħabu, jieħu affarijiet li mhux tiegħu, ma jagħmilx dmiru etċ … Imbagħad jsaqsi l-parteċipanti l-oppost ta' kull waħda li semmew. Dik il-lista huma azzjonijiet pożittivi li wieħed jista' jagħmel. Biex jagħmel kull waħda minn dawn, wieħed għandu bżonn għajnuna speċjali biex dejjem jgħix ħajja tajba.

Din l-għajnuna tissejjaħ 'Virtuijiet'. Hemm erba' virtujiet speċjali li jgħuna biex nagħmlu dawn:
» Għaqal
» Ġustizzja
» Qawwa
» Qjies

Il-katekist jispjega kull waħda minn dawn il-virtuijiet billi jġib eżempji mil-ħajja ta' kuljum. Wara ssir attività fejn il-katekist isemmi eżempju li jkun qal u l-parteċipanti jgħid liema virtù tgħinni ngħix b'dan il-mod.

## Ikollok bżonn:

- Stampa ta' bieb (ara CD tar-riżorsi)
- Ittri li jiffurmaw il-kliem tal-eżerċizzju tal-għeluq

## Ktieb tal-Attivitajiet

Ikun hemm stampa kbira ta' bieb. Fuq il-bieb ikun hemm diversi kaxxi fejn jistgħu jiktbu azzjonijiet tajba. Fuq iċ-ċappetti jiktbu l-erba' virtuijiet.

## Għeluq

Il-katekist jifrex mal-art l-ittri li jiffurmaw l-erba' virtuijiet
GĦ – A – Q – A – L
Ġ – U – S – T – I – Z – Z – J – A
Q – A – W – W – A
Q – J – IE – S

Jaqsam il-parteċipanti f'erba' gruppi u kull grupp irid isib l-ittri li jiffurmaw il-virtù assenjata lilhom. L-ewwel grupp li jgħaqqad il-virtù irid jispjega l-virtù x'inhi u kull grupp jispjega l-virtù li għandu fl-ordni ta' min jgħaqqad il-virtù l-ewwel.

# Noti personali:



## Biex nimxi fit-triq it-tajba...

Kif se nagħrfu liema hi t-triq t-tajba? Għax id-dinja mimlija toroq u jekk x'uħud iwassluna għand Alla, oħrajn jistgħu ibegħduna minnu. Imma Alla ma ħalliniex waħedna quddiem din id-deċiżjoni kbira. Permezz ta' dawk li jħobbuna, Alla jgħallimna, jieħu ħsiebna u jara li qed nimxu t-triq it-tajba. Waħda mill-għajnuniet li jagħtina matul it-triq fiha erba' kwalitajiet li jekk inħalluhom jikbru fina jkunu għodda importanti fil-vjaġġ ta' ħajjitna lejn Alla.

Fuq il-bieb niżżel azzjonijiet tajba li tagħmel waqt li maġenb iċ-ċappetti tal-bieb niżżel liema huma l-virtujiet kardinali.

23

# 2 L-Għaqal: Bejn blat u ramel

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Għaqal – il-Parabbola tal-bniedem li mar jibni d-dar tiegħu fuq ir-ramel u l-ieħor fuq il-blat.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Bejn blat u ramel

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

Fuq il-whiteboard tiġi pproġettata jew inkella tiġi pprintjata maze kbira. Il-katekist iqabbad parteċipant biex jippruvaw isolvu l-maze. Il-parteċipant jinqala' meta jagħżel triq li mhiex tajba. Jibqa' ġej parteċipant wara ieħor sakemm tiġi ssolvuta l-maze. Il-parteċipanti isaqsi kemm-il triq kien hemm biex tissolva l-maze. Ir-risposta hija, 'waħda'.

**KONTENUT**
Il-katekist jippreżenta l-ewwel virtù kardinali – Għaqal. Il-katekist juri żewġ stampi ta' djar, waħda mibnija fuq ir-ramel u l-oħra mibnija fuq il-blat. Isaqsihom liema waħda minnhom jaħsbu li hi l-iktar b'saħħitha. Huma żewġt idjar l-istess imma l-pedamenti huma differenti.

Il-katekista juri video clip mis-CD tar-riżorsi.

Il-katekista jirrakonta l-istorja tal-parabbola taż-żewġ bennejja. Wara r-rakkont, il-katekist jista' jaqsam il-parteċipanti f'żewġ gruppi. Grupp jiffurmaw id-dar b'saħħitha u l-oħrajn id-dar id-dgħajfa. Wara kull "dar" ikun hemm parteċipant taparsi l-bennejja rispettivi. Lejn l-aħħar tal-istorja, il-parteċipanti li qed jiffurmaw id-dar b'saħħitha jibqgħu weqfin imma l-parteċipanti li jkunu qed jiffurmaw id-dar dgħajfa, jaqgħu. "Is-sidien" jispjegaw x'għamlu tajjeb jew ħażin fil-bini tad-dar tagħhom. Dan jista' jsir billi grupp jibni d-dar bit-tape u l-gazzetti u l-grupp l-ieħor jibni bil-gazzetti biss.

## Ikollok bżonn:

- Maze (ara CD tar-riżorsi)
- Stampi ta' dar fuq ir-ramel u oħra fuq il-blat
- Gazzetti u tape

## Ktieb tal-Attivitajiet

Dar jisimha "Dar il-Għaqal". Fil-pedamenti ikun hemm saffijiet differenti. F'kull saff jiktbu x'irid ikollok biex ikun hemm l-Għaqal.

eż: ikolli miegħi Ġesù, ewkaristija, talb, nimxi fuq dak li jgħiduli l-kbar

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba

Noti personali:



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Kif ngħix il-virtù tal-għaqal?

**L-GĦAN**
Matul din il-lezzjoni ser nagħtu ħarsa lejn sitwazzjonijiet li l-parteċipanti jkunu fihom u naraw kif jistgħu jgħixu din il-virtù tal-għaqal.

## Ikollok bżonn:

- Presentation The Three little pigs (ara CD tar-riżorsi)

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

Fil-bidu tal-lezzjoni l-katekist jirrakkonta l-istorja tat-*Three little pigs*.Jista' juża l-maskli jew l-istampi fis-CD tar-riżorsi jew inkella jsib video clip. Importanti li tkun kemm jista' jkun viżwali sabiex iħossuhom involuti fl-istorja.

Issir diskussjoni dwar liema ħanżir kien l-iktar għaqli. Għaliex? X'kienet il-konsewgwenzi tal-oħrajn li ma kienux għaqlin? X'kien in-nuqqas tagħhom u x'setgħu għamlu aħjar?

**KONTENUT**
Jinħolqu case studies dwar kif jista' persuna tkun għaqlija jew le.

Eżami: Persuna li tistudja u persuna oħra li ma tistudjax

Ubbidjenza: Persuna li tirrispetta lill-ġenituri u persuna li ma tirrispettax.

Ħbieb: Persuna li toħloq ambjent sabiħ u persuna li kull fejn tkun hi ikun hemm l-inkwiet

Relazzjoni ma' Alla: Persuna li tfittex ftit ħin kuljum għat-talb u persuna li ma tiftakar qatt f'Alla fil-ħajja tagħha.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Fuq il-ktieb il-parteċipanti jsegwu case study f'forma ta' comic. Fl-aħħar il-parteċipanti jaslu għat-tweġiba li għandha tasal għaliha Amy.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba u logħba qasira b'taghlima.
Importanti li f' din il-logħba jintuża sebgħa wieħed u tintuza l-ponta tas-sebgħa b'mod dritt. Roll tape kbir jitpogga fin-nofs u it-tfal iridu jnizlu t-tape isfel sa l-art flimkien, bil-ponta ta' subgħajhom. Jekk jaqgħalhom jerġaw jibdew u jifthemu aħjar kif ser jahdmu flimkien.

Noti personali:




Noti personali:

# 3 Il-Ġustizzja: L-Għani u Lazzru

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Nibdew billi nġibu eżempji ta' inġustizzji u ġustizzji fid-dinja. Eżempji ta' inġustizzji: bullying, gossiping, cheating, nimxi bl-uċuħ, jinxtraw il-players, ir-razziżmu, doping, nikkupjaw waqt l-eżami, moħqrija tal-annimali, anzjani waħedhom id-dar, vandaliżmu fuq l-ambjejnt. Imbagħad ngħaddu għall-parabbola.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## L-Għani u Lazzru

Fil-bidu tal-lezzjoni, il-katekista ma jitkellem xejn imma juri stampi ta' xi uħud mill-eżempji imsemmija fl-għan tal-lezzjoni. Joħroġhom waħda waħda u jqiegħdhom quddiem il-parteċipanti. Il-katekista isaqsi x'emozzjonijiet qanqalu fihom l-istampi. Qatt iltaqgħu ma' xi ħaġa hekk fil-ħajja tagħhom? Min taħseb li ġab dan kollu?

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

**KONTENUT**
Il-katekista jgħid il-parabbola tal-Għani u Lażżru. Wara iqabbad il-parteċipanti stess biex huma ukoll jirreċtawha.

Qabel ma jibda r-rakkont, il-katekist isaqsi lil parteċipanti kif jimmaġinaw lil wieħed raġel sinjur, xi jkollu, fejn jgħix, x'jilbes etċ. Imbagħad isaqsi l-istess mistoqsija dwar xi jkollu raġel fqir. Il-katekist jikteb dak kollu li jgħidu l-parteċipanti, fuq in-naħa ta' raġel sinjur u n-naħa l-oħra tar-raġel il-fqir.

Fil-parabbola li qal Ġesù insibu żewġ persuni li huma simili. Kien hemm raġel sinjur li kellu kollox iżda ma kienx jagħti każ ta' dak ir-raġel fqir li kien jismu Lażżru. Kien iħallih ibati l-ġuħ u jgħix f'miżerja kbira.

Ġara li għadda ż-żmien u r-raġel is-sinjur u Lażżru mietu. L-għani nduna li huwa spiċċa f'post mimli tbatija u dwejjaq. F'daqqa waħda nduna li n-naħa l-oħra, kien hemm Lażżru li kien kuntent f'post sabiħ u ma jonqsu xejn. Ħdejn Lażżru

### Ikollok bżonn:

- Diversi stampi ta' inġustizzji (ara t-tema prinċipali)

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti jiktbu liema huma l-inġustizzji li l-aktar jafftewahom. Jiktbu talba lil Alla biex jgħinhom ikunu qawwijin.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba jew bl-logħba. Mat-tarf ta' lasta ta' xkupa torbot kuccarun tal- plastic bit-tape. Iġġielel tifel jiekol gallettina li qeda f'kontenitur fuq il-mejda, bil-kuccarun it-twil. Importanti li l-kuċċarun jibqa jżommu mit-tarf tal-lasta. It-tifel ma jirnexxilux. Ahna x'nistgħu nagħmlu biex it-tifel ma jibqax ibagħti u jiekol il-gallettina? Inġielu persuna ohra żżommilna l-kontenitur u persuna oħra tgħina nieklu.

kien hemm Abraham (Abraham kien meqjus bħala raġel importanti ħafna fl-istorja tal-poplu Lhudi). Ir-raġel sinjur xtaq forsi li kieku Lażżru jiġi sa ħdejh ħalli jtih minn dak il-ġid li kellu iżda Abraham qallu li ħadd ma jista' jaqsam minn post għall-ieħor. Għalhekk ir-raġel li kien sinjur, saqsieh jekk Lażżru jistax imur ħdejn it-tfal tiegħu u jurihom li qed jgħixu ħajja ħażina. Iżda Abraham qallu li t-tfal tiegħu jafu li qed jgħixu ħajja ħażina, bħalma hu kien jaf li kien qed jgħix fil-ħażin.

Il-katekist jistaqsi... Min minnhom kien qed ibati? Tort ta' min kien qed ibati? Semmu ċirkustanzi fejn bl-għemil tagħna inġiegħlu lil ħaddieħor ibati.

Issir attività. Il-katekista ikollu magħrfa marbuta ma' lasta xi ftit twila u bowl bi ftit cereals ġo fih. Jgħid lil parteċipant biex jaqbad il-lasta imwaħħla mal-imgħarfa u jipprova jiekol ic-cereals minn ġol-bowl. Din tkun impossibli għalih. Allura jitlob l-għajnuna ta' parteċipant ieħor u jagħtih hu x'jiekol. Hekk tkun iktar possibli għalih.

Minn din l-attività nitgħallmu li meta nkunu ta' għajnuna għal ħaddieħor, inkunu qed intejbu l-ħajja ta' ħaddieħor filwaqt li nkunu qed inaqqsu l-inġustizzji.

## Noti personali:



**B. It-Tieni Laqgħa**

# X'jagħmel azzjoni tajba?

**L-GĦAN**
X'għandi nagħmel biex niġġieled l-inġustizzji? Inkunu pożittivi fil-ħajja tagħna. Nimxu fuq l-eżempju ta' Madre Tereża.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

**INTRODUZZJONI:**
Il-katekista jibda billi jagħti 2 ħelwiet lil żewġ parteċipanti biss u jara x'ser tkun ir-reazzjoni tal-parteċipanti l-oħrajn. Taħsbu li kienet fair li dawn biss għandhom il-ħelu? Fuq liema bażi taħsbu li ġew magħżula? Jekk ma hemmx bażi, taħsbu li kienet fair li għamilt hekk? Il-katekista jagħmel reviżjoni ħafifa ta' dak li sar fil-lezzjoni ta' qabel

**KONTENUT**
Il-katekista jagħti żewġ kards lil kull parteċipant – ħamra u ħadra. Jibda jirrakonta case studies mill-ħajja tat-tfal stess fejn uħud minnhom juru li qed issir ġustizzja (eż: għajnuna lil xi ħadd li ma kienx l-iskola, karita mill-moneybox tiegħi, taqbeż għal min hu bullied etċ ...). Jirrakonta ukoll case studies fejn it-tfal qed joħolqu inġustizzji (eż: tikkopja waqt l-eżami, ixxewwex kontra sħabek, dejjem tagħżel ċertu tfal biex tilgħab magħhom waqt li oħrajn qatt ma tagħżilhom, tarmi mal-art etċ ...) Għal kull rakkont, it-tfal iridu juru karta ħadra jekk hemmx ġustizzja jew ħamra jekk m'hemmx ġustizzja. Il-parteċipanti iridu jagħtu raġuni għat-tweġiba tagħhom.

Il-katekist joħloq diskussjoni dwar x'sehem għandi jien biex ikun hawn ġustizzja

## Ikollok bżonn:

- 2 ħelwiet
- Card ħamra u oħra ħadra għal kull parteċipant

## Ktieb tal-Attivitajiet

Ikun hemm stampa ta' bukkett fjuri sabiħ fl-ilma. Il-katekist ifhiem lil parteċipanti li kieku ma hemmx dak l-ilma, kieku l-fjuri jitbielu. Dak l-ilma jirrappreżenta l-ġustizzja li jwassal biex ikollna ħajja sabiħa. Il-parteċipanti jiktbu fil-važett uħud mill-punti li ntqalu fil-klassi dwar dak li nista' nagħmel jien biex ikun hawn ġustizzja.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba

Noti personali:



# 4 Il-Qawwa: Kontra l-kurrent

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Qawwa – Kemm nitmexxa mill-kurrent? Ma nċediex quddiem il-ħażin. Differenza bejn swimming u floating – naqdef kontra l-kurrent. Kapaċita li tgħid iva għat-tajjeb. Eżempju ta' Nelson Mandela.

## Ikollok bżonn:

- Video clip A Lesson from Angry Birds (ara CD tar-riżorsi)
- Video clips fuq il-Ħajja ta' Nelson Mandel (ara CD tar-riżorsi)

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Kontra l-kurrent

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

Il-katekista jibda b'video: A Lesson from Angry Birds, mis-CD tar-riżorsi.

**KONTENUT**
Il-katekist ikompli b'numru ta' video clips oħra, din id-darba mill-ħajja ta' Nelson Mandela. Dawn jinstabu fis-CD tar-riżorsi wkoll.

Il-katekista joħloq diskussjoni dwar Nelson Mandela.
Ma' xhiex iltaqa' Nelson Mandela; kif affaċċja dawn id-diffukultajiet; x'mezzi uża; kif ħareġ rebbieħ.

Il-katekista jippreżenta l-ħajja ta' Ġesù fejn ukoll sab diffikultajiet speċjalment ma' nies li ma aċċettawhx.
Ma' xhiex iltaqa' Ġesù; kif affaċċja dawn id-diffukultajiet; x'mezzi uża; kif ħareġ rebbieħ

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti ifittxu u jiktbu fil-qosor dwar persuna oħra li ma ssemmitx fil-lezzjoni li uriet qawwa kbira f'ħajjitha. Iwaħħlu stampa ta' persuna li qed jiktbu dwarha.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba lil Alla biex jagħtina karattru sod u jimlina bil-virtù tal-Qawwa.

Noti personali:



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Minn fejn inġib din il-qawwa?

**Ikollok bżonn:**

- Song 'Jesus you are my superhero' (ara CD tar-riżorsi)

**L-GĦAN**
Minn fejn inġib din il-qawwa? Mhux ħa nkun waħdi. Nagħraf minn fejn ġej is-sors tal-enerġija biex nagħmel dan kollu. Alla hu dejjem magħna u wiegħdna li ma jitlaqna qatt speċjalment f'mumenti ta' diffukultajiet.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

**INTRODUZZJONI:**
Il-katekist jgħid lil persuna li tħalli id waħda fil-but u ma tistax toħroġha. Jitolbu biex jaqfel il-lazz, iġiblu l-kotba etċ ... Il-parteċipant jinduna li qed f'mument ta' diffikulta u jara x'jista jagħmel biex jegħleb din l-isfida. Jinnutaw li hemm sens ta' determinazzjoni u ma hemmx biża mill-qtigħ il-qalb.

**KONTENUT**
Inġibu sitwazzjonijiet fejn il-persuna tinħass dgħajfa u għandha bżonn il-qawwa ta' Ġesù.

Rakkont: Mela darba kien hemm raġel u ħalla l-ilma jagħti. Il-vit ma setax jgħalqu b'xejn. L-ilma għola sal-mejda u Ġanni tela fuqha. X'ħin rah il-ġar min ġot-tieqa qallu, "Ġanni għandek bżonn għajnuna trid niġi ngħinek?" u Ġanni qallu, "Le Fred grazzi hemm Alla jgħini." Ġanni beda jitlob lil Alla biex jgħinu jeħles mil-ilma. Iżda l-ilma baqa jogħla 'l fuq 'l fuq li tela' sa fuq. Tant kemm kien hemm ilma ma' kullimkien li għaddiet lanċa biex issalvah. "Sinjur itla' miegħi ħalli nsalvak" qallu tad-dgħajsa. "'Tħabbilx rasek sieħbi, Alla jgħini" qallu Ġanni.  L-ilma baqa tiela u Ġanni tela fuq il-bejt biex ma jgħeriqx. Kien hemm ħelikopter u niżżel is-sellum biex Ġanni jitla miegħu. Izda Ġanni qallu, "Grazzi xorta waħda imma tista' tmur għax Alla ser jgħini. L-ilma baqgħa tiela 'l fuq 'l fuq u Ġanni spiċċa għereq. Meta mar il-ġenna staqsa lil Alla. "Taf kemm il-darba tlabtek biex issalvani, ara issa għeriqt u miet.' Alla wieġbu,' bgħatlek il-ġar, bgħatlek id-dgħajsa, u ġibtlek il-helikopter iżda inti l-anqas biss aċċettajt l-għajnuna tiegħi!!

Tagħlima: F'mumenti ta' diffikulta xi drabi naraw kollox ġej ħazin u ikrah. Iżda Alla qatt ma jħallina waħidna. Xi drabi aħna stess jiġrilna bħal Ġanni. Inżommu qalbna iebsa u ma naċċettawx l-għajnuna li Alla jibgħatilna. Ġesù jagħtin l-qawwa biex negħlbu d-diffikultajiet. Hu dejjem magħna u meta naċċettaw lilu, inkunu b'saħħitna.

# Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti jżniżżlu fuq il-ktieb eżempji mill-ħajja tagħhom li fihom ikollhom bżonn il-virtù tal-qawwa.

# Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa bis-song 'Jesus you are my superhero' mis-CD tar-riżorsi.

Noti personali:


Minn fejn inġib din il-qawwa?

JESUS YOU ARE MY SUPERHERO

He's the one who makes the sun shine
He's the one who puts the moon in the sky
He's the one who hangs the stars
One by one.

He's the one who makes the birds sing
He's the one who makes your dreams so high
He's the one who makes me smile
Day by day.

**Jesus you're my superhero**
**You're my star, my best friend**
**Jesus you're my superhero**
**You're my star, my best friend.**

Better than Spiderman
Better than Superman
Better than Batman
Better than anyone.

**Jesus you're my superhero**
**You're my star, my best friend**
**Jesus you're my superhero**
**You're my star, my best friend.**

Better than Yu Gi Yo
Better than Barbie
Better than Action Man
Better than anyone.

**Jesus you're my superhero**
**You're my star, my best friend**
**Jesus you're my superhero**
**You're my star, my best friend.**

34

Niżżel eżempji mill-ħajja tiegħek li fihom ikollok bżonn il-virtù tal-Qawwa.

# 5 Il-Qies: Kif insib il-bilanċ?

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din il-laqgħa se ntkellmu fuq il-virtù tal-qies u l-bżonn li nsibu bilanċ f'ħajjitna – Eż: eżerċizzju, time management, sostennibilta. Minn naħa l-oħra ikun hemm nuqqas ta' bilanċ bħal meta ma tafx meta għandek tieqaf, ikel. Min jimxi bil-qjies ikollu s-sens ta' sagrifiċċju u jkun hemm nuqqas ta' komunikazzjoni - insib ħin għal kullħadd u għal kollox.

## Ikollok bżonn:

- Miżien
- Oġġetti differenti
- Tape ta' kulur skur
- Flashcards u lapsijiet

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Kif insib bilanċ?

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

Il-katekista juri lill-parteċipanti miżien li jkun ħoloq hu stess. Dan jista' jagħmlu jorbot żewġ platti tal-kartun ma' żewġ itruf tal-ispalliera. Kemm hu faċli li l-miżien ikun f'bilanċ? Il-katekist jqiegħed diversi oġġetti sakemm ikun f'bilanċ. Kemm hu faċli li nżommu bilanċ fil-ħajja tagħna. Biex nagħmlu dan, hemm bżonn li nagħmlu prijoritajiet

**KONTENUT**
Il-katekist jippreżenta episodji differenti mill-ħajja ta' Ġesù. Dawn jistgħu ikunu t-tieġ ta' Kana, Ġesù mat-tfal, Ġesù jgħallem, Ġesù jagħmel il-mirakli, Ġesù jitkellem mal-ħbieb tiegħu etċ.. Għal kull stampa, il-katekist jippreżenta stampa. X'qed ninnutaw? Li Ġesù kien isib ħin għal kollox. X'qed nagħtu importanza fil-ħajja tagħna?

Mal-art tal-klassi, il-katekist ikun ipprepara minn qabel triangle bit-tape ikkulurit. Lejn in-naħa ta' isfel jiktbu affarijiet li huma l-iktar importanti filwaqt li fin-naħa ta' fuq jniżżlu affarijiet li huma inqas importanti. Il-katekist ikollu flashcards vojta u jikteb fuqhom dak li jgħidulu l-parteċipanti

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti jiftħu l-ktieb tal-attivitajiet fejn isibu paġna ta' timetable b'ħafna attivitajiet madwar il-paġna. Ovvjament ma jistgħux idaħħlu kollox. Għinhom biex jagħżlu l-aktar importanti u jqassmu l-ħin tagħhom tajjeb.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.

## Noti personali:


5

# Il-Qies:
Kif insib bilanċ?

Kulħadd għandu affarijiet li jħobb u oħrajn li ma tantx jogħġbuh. Jekk ma noqogħdux attenti malajr nispiċċaw nagħmlu ħafna ħwejjeġ li nħobbu nagħmlu u l-oħrajn nispiċċaw ma jkollniex ċans għalihom. Imma f'ħajjitna rridu nsibu bilanċ għax kollox irid ikun. Immaġina kieku jkollna nqattgħu l-ġranet tagħna nilagħbu u naraw it-TV u nispiċċaw ma norqdux, ma niklux u ma nagħmlux eżerċizzju. Taħseb li jkun tajjeb għal saħħtek? L-istess jekk inqattgħu jiem sħaħ mingħajr ma nużaw moħħna billi naqraw u nistudjaw. Għalhekk il-jiem tagħna jridu jkunu mqassmin sew. L-iskola tgħinna nsibu ftit dan il-bilanċ iżda xorta rridu nitgħallmu nqassmu l-ħin tagħna sew biex hekk tassew ikollna l-virtù tal-qies.

inqum
norqod
Reviżjoni ta' x'għamilna l-iskola
nagħmel il-homework
immur il-mużew
nilgħab
ninħasel
ngħin lil tad-dar
nara t-TV
immur l-iskola
niekol

Ġurnata tipika tiegħi

| | |
|---|---|
| 6AM | 2PM |
| 7AM | 3PM |
| 8AM | 4PM |
| 9AM | 5PM |
| 10AM | 6PM |
| 11AM | 7PM |
| 12PM | 8PM |
| 1PM | 9PM |
| | 10PM |

nitkellem mal-ġenituri tiegħi
nitlob
niltaqa' mal-ħbieb
immur lezzjoni tal-mużika jew drama

36 37

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Ġesù kien hemm għal kulħadd

**L-GĦAN**
Kif ser insib bilanċ fil-ħajja tiegħi? Nara kif kien iqassam il-ħin Ġesù u kif qed inqassam il-ħin tiegħi. Fil-Vanġelu naraw li Ġesù kien isib ħin għal kollox – jaħdem, jitlob, jgħallem, joħroġ ma' sħabu etċ ...

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna qegħdin hawn biex nirringrazzjawk tal-ħajja sabiħa li għoġbok tagħtina. Agħtina l-virtujiet tal-għaqal, tal-ġustizzja, tal-qawwa u tal-qies biex nikbru fl-imħabba tagħna lejk. Ammen.*

**INTRODUZZJONI:**
Il-katekista jistaqsi lill-parteċipanti liema huma dawk l-affarijiet li l-aktar iħobbu jagħmlu u kemm jiddedikaw ħin għal dawn l-affarijiet. Fl-istess ħin nsemmu li hemm affarijiet li forsi ma tantx jippreferu imma li hemm bżonn li jsiru xorta waħda.

**KONTENUT**
Hawn il-katekist wassal lill-parteċipanti biex jieħdu 'l Ġesù bħala eżempju. Mis-CD tar-riżorsi jintwera video li tiġbor fil-qosor l-affarijiet li Ġesù kien jagħmel.

Hekk kif jispiċċa l-video l-katekist jistieden lill-parteċipanti jgħidu x'laqathom. Minn hawn il-katekist jurihom li għalkemm bħalna kellu affarijiet li kien jieħu gost bihom u affarijiet oħra li jgħejjuh, Ġesù kien dejjem lest li jgħin lil min kien fil-bżonn.

Hawn il-katekist iqassam karta u lapes kull wieħed u huma jimmaġinaw kif kienet tkun ġurnata tipika ta' Ġesù. Fl-aħħar il-katekist jikkonkludi billi jurihom li bħal Ġesù, aħna wkoll irridu nkunu nies li lesti li nagħtu ħina lill-oħrajn.

## Ikollok bżonn:

- Video dwar Ġesů
- Karti u lapsijiet

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti iwaħħlu il-karta tal-eżerċizzju li għamlu fil-klassi

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa bis-song 'God is Watching over You'.

Noti personali:



# Ġesù kien hemm għal kulħadd

Kull fejn kien imur, Ġesù kien isib folol kbar jistennewh. Min biex jisimgħu jew ikellmu u ferm aktar biex jgħinhom bil-mirakli tiegħu. Din ġurnata tipika tiegħu.

HAWNHEKK WAĦĦAL IL-KARTA TAL-EŻERĊIZZJU LI GĦAMILTU FIL-KLASSI

Żgur li fost il-ħafna role-models, Ġesù għandu post speċjali għax bħala Nsara, jew aħjar Kristjani, Kristu hu l-persuna li rridu nsiru nixbhu. F'ħajtu Ġesù kien dejjem lest li jgħin lil kull min kellu bżonnu. Tfal u kbar, nies fqar u oħrajn għonja, dawk b'saħħithom jew inkella l-morda. Kollha ġew bżonn l-għajnuna u Ġesù kien hemm biex jgħinhom f'dak kollu li kellhom bżonn.

## GOD IS WATCHING OVER YOU

When you're jumping,
jumping up and down.
When you're spinning,
spinning round and round.
God's seeing
everything you do.
Cause he's watching,
watching over you.
Hey!

**God is watching**
**watching over your.**
**24 / 7 watching over you.**
**Your life is in his hands,**
**woah, woah,**
**He's got great big plans,**
**cause he's watching over you.**

When you're waving
your hands are up in the air,
when you're shouting
no matter when or where,
God's seeing
everything you do.
Cause' he's watching
watching over you
Hey!

**God is watching**
**watching over your.**
**24 / 7 watching over you.**
**Your life is in his hands,**
**woah, woah,**
**He's got great big plans,**
**cause he's watching over you.**

**God is watching**
**watching over your.**
**24 / 7 watching over you.**
**Your life is in his hands,**
**woah, woah,**
**He's got great big plans,**
**Woah…**

**God is watching**
**watching over your.**
**24 / 7 watching over you.**
**Your life is in his hands,**
**woah, woah,**
**He's got great big plans,**
**cause he's watching over you.**

39

Unità 3

# Inħalli f'idejh



**SKOP TAL-UNITÀ**

Alla għażel lil David għax fih ra xewqa ġenwina li jkun tajjeb. Mhux għax kellu dehra sabiħa jew għax kien b'saħħtu aktar mill-oħrajn imma għax kien bniedem li jixtieq jikber fil-virtù. Bl-istess mod, Alla jrid jagħżel lilna għax iħobbna u jaf li hemm ħafna tajjeb fina. Permezz ta' dawk ta' madwarna, Alla jgħinna nikbru u nsiru persuni aħjar.

# 1 Alla jħares fil-fond ta' qalbna

### Ikollok bżonn:

- Flixkun deterġent u flixkun ħall
- *Presenation*: L-Għazla ta' David

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Meta Alla għażel lil David, ma kienx qed iħares lejn l-apparenza. F'David kien hemm il-virtujiet b'mod sħiħ. Kien qed ifittex karattru sod, sinċier u b'qalb kurraġġjuża.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Fil-fond ta' qalbna

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

**INTRODUZZJONI**

Il-katekista tipprepara żewġ tipi ta' fliexken. Fi flixkun normali tal-plastic tpoġġi fih deterġent ifuh ħafna. Fi flixkun ieħor sabiħ, titfa fih ħall. Importanti li l-fliexken ma jkunux trasparenti u jkunu jingħalqu sew. Il-katekista ipoġġi l-fliexken fost fliexken oħrajn taparsi ikunu għal bejgħ. Isaqsi parteċipant x'jagħżel li kieku sejjer jixtri. Naturalment il-parteċipanti jagħżel l-iktar wieħed attraenti. Iżda imbagħad jinduna li hu l-iktar wieħed li jinten waqt li l-iktar flixkun ordinarju hu l-iktar wieħed li jfuħ. Il-parteċipant isaqsi x'wassal biex għażel dak il-flixkun. Xi affarijiet ma jidhrux speċjali minn barra iżda huma l-aħjar minn ġewwa. In-nies huma l-istess. Alla ma jagħżilx skont kif nidhru iżda kif aħna minn ġewwa -  x'hemm fil-qalb tagħna.

**KONTENUT**

Il-katekist jista' juża l-presentation mis-CD tar-Riżorsi biex janima r-rakkont tal-għażla ta' David. Alla għażel persuna li ma tax każ kif tidher minn barra iżda iktar ta każ dak li hemm ġewwa. Il-katekist jagħti l-isfond tal-għażla ta' Samwel fuq David. Il-poplu Lhudi ried sultan u kellhom lis-Sultan Sawl. Iżda dan warrab lil Alla u Alla ried sultan ieħor. Alla bagħat lil profeta Samwel fil-belt ta' Betlem għand raġel jismu Ġesse. Samwel kien beżgħan li ser jagħżel sultan ieħor għax li kieku jkun jaf Sawl, jirrabja.

X'ħin wasal għand Ġesse, qallu li jrid jara lit-tfal tiegħu. Quddiem ġie t-tifel il-kbir li kien b'saħħtu u sabiħ. Samwel ħaseb li dan kien ser ikun is-sultan il-ġdid iżda Alla qallu biex jara jekk hemm iktar aħwa. Ġesse ġablu it-tfal li kellu, sebgħa b'kollox, iżda għalkemm kienu jidhru b'saħħithom u bi kwalitajiet ta' sultan, Alla ma għażel l-ebda wieħed minnhom. Samwel saqsa lil Ġesse jekk kellux iktar tfal. Hu qallu li kien għad fadal tifel iżda dan kien qed jirgħa n-nagħaġ u kien l-iżgħar fosthom. Alla qallu biex isejjaħ lil dak it-tifel. Ġesse bagħat għal ibnu ż-żgħir, jismu David. Kif David daħal ġewwa, kien jidher bħala żgħażugħ gużtuż. Iżda dan ma kienx biżżejjed biex ikun sultan. Alla ħares lejn dak li kien hemm fil-qalb ta' David – kellu qalb tajba u dejjem fittex li jogħġob lil Alla.

Samwel ħareġ il-qarn li kellu mimli biż-żejt u ferra fuq ras David. Minn dak il-ħin l-Ispirtu t' Alla niżel fuq David. Għalkemm David kien magħżul bħala sultan, kienet għadha ma waslitx dik is-siegħa biex jieħu post is-Sultan Sawl. David mar lura jirgħa l-merħliet ta' missieru. Alla kien ser juri biċ-ċar meta kellu jibda jsaltan bħala s-sultan il-ġdid.

**Mistoqsijiet ħfief ta' reviżjoni**
Għalfejn Alla ma riedx lis-Sultan Sawl?
Sawl ma kienx qed jobdi lil Alla
It-tifel ta' min kellu jkun is-sultan il-ġdid?
It-tifel ta' Ġesse
Għalfejn Samwel ħaseb li t-tifel il-kbir ta' Ġesse kien ser ikun is-sultan il-ġdid?
It-tifel il-kbir u ħutu l-oħra kienu jidhru twal u b'saħħithom
Il-bniedem jara lin-nies kif jidhru minn barra. Alla x'jara?
Alla jara dak li hemm fil-qalb tal-bniedem
David ma kienx ma' ħutu l-oħra meta wasal Samwel. Fejn kien.
David kien ragħaj u kien qed jieħu ħsieb il-merħla ta' missieru.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti flimkien mal-katekista jiftħu iktar fuq il-punti li ġew diskussi.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Jiena persuna speċjali għal Alla

**L-GĦAN**

Matul din il-lezzjoni ser niddentifikaw Alla x'qed ifittex fija. Mhux kif nidher minbarra jagħmel persuna sħiħa imma dak li jsawwarni. Nagħraf it-tajjeb li hemm fija li jagħmilni persuna speċjali.

## Ikollok bżonn:

- Mera żgħira (idealment ikun hemm waħda għal kull parteċipant inkella jdawwar waħda)
- Stampi ta' nies differenti

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

**INTRODUZZJONI:**

Il-parteċipanti joqogħodu bilqiegħda fis-skiet. Il-katekist idoqq background music ħafifa u jibda jdur b'mera bil-mod mal-parteċipanti. Jekk hu possibli jista' jqassam mirja żgħar (pocket size) lil parteċipanti. Il-parteċipanti jagħmlu ħin iħarsu lejhom infushom fil-mera. Fil-Ktieb tal-Attivitajiet jiktbu dak kollu li jiddiskrivu wiċċhom u lilhom infushom bħala persuna.

**KONTENUT**

Il-katekista juri diversi stampi ta' portraits ta' nies. Isaqsi lil parteċipanti jekk jafux xi informazzjoni dwarhom. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu ikunu bħal: X'jisimhom, min fejn huma, kemm għandhom żmien, x'inhu x-xogħol tagħhom u min hi l-familja tagħhom. Imbagħad jista' jsaqsi mistoqsijiet iktar prfondi u personali bħal, x'inhu t-talent tagħhom, x'inhuma d-dgħjufijiet tagħhom, x'inhu n-natural tagħhom etċ...

Naturalment il-parteċipanti ma jkunux jafu iwieġbu għal dawn il-mistoqsijiet u lanqas il-katekist. Il-katekist isaqsi jekk dawn il-mistoqsijiet li saqsa hux kapaċi iwiġiebhom Alla. Minn dan joħroġ li Alla jaf kull persuna li hawn fid-dinja. Alla jaf lil kulħadd b'mod personali. Iktar minn hekk, Alla jaf lilna iktar milli aħna nafu lilna nfusna.

Il-katekist jippreżenta sitwazzjoni ta' xi ħadd li qed irabbi kelb żgħir ta' ftit xhur. Dan jiġġennen warajh u jagħmel milli jista' biex il-kelb ma jkun jonqsu xejn. Jieħu gost itih x'jiekol, jixrob, jippreparalu fejn jorqod, fejn jiġri etċ etċ. Jieħu gost jgħaddi ħafna ħin miegħu. L-importanti li ma jkun jonqsu xejn. Għalih ikun sar l-iktar kelb speċjali fid-dinja. Kelb li bħalu ma jsibx. Jieħu gost jarah jikber, jisbieħ u jsir iktar b'saħħtu. 'Il quddiem dan l-istess kelb ikollu iktar ġriewi. Allaħares li jiġrilu xi ħaġa. Is-sid ikun sar iħobbu ħafna.

Alla iħobbna iktar minn hekk .. kull wieħed u waħda minna. Hi ħafna ikbar mill-imħabba bejn sid u kelb. Għal Alla aħna persuna speċjali ħafna. Kemm jekk aħna rqaq jew imbaċċin, kemm jekk aħna suwed jew bojod, kemm jekk bin-nuċċali jew mingħajru, Alla jħobbna b'imħabba speċjali ... aħna kif aħna.

Il-katekista juri mera kbira. Kull parteċipant jiġi quddiem il-mera wieħed wieħed u jgħid, "Jien, _______________, u jien persuna speċjali ħafna għal Alla"

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti jiktbu fuq isimhom fuq il-linja l-vojta. Tindaqq id-diska u l-parteċipanti jitgħallmuha flimkien mal-movimenti

## Għeluq

F'din il-ġimgħa ikkumplimentaw iktar lil sħabkom jew lil għalliema jew lil dawk lil jieħdu ħsiebkom. Għidilhom messaġġ sabiħ bil-fomm jew bil-kitba u għidilhom x'jogħġbok fihom u kemm huma speċjali għalik u iktar għal Alla. Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.

Noti personali:



# 2 Qalb kuraġġuża

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Qalb kuraġġjuża. L-istorja ta' David u Gulija. Il-ħażin li jidher ħafna ikbar mit-tajjeb. David ma kienx b'saħħtu fiżikament imma kien magħqud ma' dak li hu l-iktar b'saħħtu – Alla

## Ikollok bżonn:

- Masking Tape, boros bir-ross jew ramel
- L-Ittri tal-isem 'D-A-V-I-D'

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Qalb kuraġġuża

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

Qabel il-lezzjoni, l-għalliem jimmarka fl-art grid kbira permezz ta' masking tape. Tkun f'forma ta' kaxxa bil-linji bħal tal-OXO. Il-parteċipanti iridu joqgħodu wara linja fejn iridu jwaddbu ħames boroż magħluqin u mimlija bir-ramel jew bir-ross u jridu jiġu f'linja waħda. Min iġib 5 f'linja waħda, iġib l-iktar punti. Fuq kull borza ikun hemm l-ittri D-A-V-I-D

Il-katekista ikompli jgħid li David ukoll kellu jimmira 5 oġġetti li permezz tagħhom, għamel xi ħaġa li ħadd qatt ma stenna li ser jagħmilha.

**KONTENUT**
Tingħad l-istorja ta' David u Gulija permezz ta' stick puppet show.

Kien hemm David li semmejna fl-aħħar lezzjoni. Din id-darba David kiber. Ġara li dak iż-żmien, kienet għaddejja battalja kiefra bejn l-Iżrealiti u l-Filistej. Dawn tal-aħħar kienu poplu kbir u b'saħħtu. Iżda kien l-iktar b'saħħtu għax kellhom suldat kbir daqs ġgant li meta kien imur għal ġlied, kien jirbaħ lil kulħadd. Infatti l-iktar ħaġa li kienet qed tbeżża lis-suldati Iżraeliti hi dwar kif kienu ser jirbħu lil dan il-ġgant kbir, ikrah u b'saħħtu.

Fost dawn is-suldati, kien hemm ukoll l-aħwa ta' David. Ġesse, missier l-aħwa, bagħat lil David biex jara jekk ħutu kellhomx bżonn xi ħaġa. David hekk għamel, iżda kif wasal eżatt induna li kien hemm xi ħaġa li kienet qed tħasseb lil ħutu u s-suldati l-oħra. Huma rrakuntawlu b'kollox dak li kien qed jiġri.

David mar quddiem is-sultan Sawl u qallu li għalkemm ma kienx suldat imma xtaq li jsalva lil poplu ta' Iżrael minn taħt idejn il-Filistej billi jiġġieled lill-ġgant Gulija. Hekk kif ra lil dak iċ-ċkejken quddiemu, is-sultan Sawl offrielu li jtih elmu, armatura u xabla biex ikun jistà jiġġieled lil Gulija. Iżda hekk kif libishom, lanqas seta jiċċaqlaq daqskemm kellhom ħadid tqil ... aħseb u ara kemm seta jiġġieled lil ġgant.

Għalhekk telaq kollox, mar ħdejn ix-xmara u minn hemm ġabar ħames ċagħkiet u ħa miegħu ukoll żbandola li kien jiġġieled lil xi annimal kbir li kien jipprova jersaq lejn il-merħla waqt li jkun qed jirgħa n-nagħaġ tiegħu. Mar quddiem Gulija

u dak hekk kif ra tifel daqshekk żgħir quddiemu, tgħidx kemm beda jidħaq. Tant kemm daħaq li bdiet titriegħed ftit l-art. David daħħal ġebla fl-iżbandola u tajjarha lejn Gulija. Din għaddiet bi żbrixx minn ħdejn ras l-iġgant. Reġa' ipprova u din id-darba baqgħet sejra dirett ġo nagħsu. Mad-daqqa, l-iġgant waqa' għal tulu fl-art. David resaq ħdejn il-ġgant u qatgħatlu rasu biex xabla tiegħu stess.

Il-katekista jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-aħħar tal-istorja:
David f'idejn min poġġa l-fiduċja tiegħu? (Alla)
X'armi uża David? (fidi, ġebel u saħħa)
X'kien ix-xogħol ta' David waqt li ħutu kienu waqt il-battalja? (ragħaj)
Għalfejn taħseb li David rebaħ lil Ġgant, avolja ma kellux armi kbar? (David ma kienx qed jibża għax kien jaf li Alla kien qed miegħu u kien qed jipproteġih kif kien jipproteġih ukoll meta kien jiġġieled ma' annimali kbar)

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti iwaħħlu stampa ta' persuna li għalihom hi "hero" jew inkella iħarsu lejha b'ammirazzjoni. X'jaraw f'din il-persuna daqshekk speċjali?

## Għeluq

Il-katekist jagħżel l-iktar żewġ parteċipanti li jidhru l-iktar b'saħħithom, joqgħodu dahar ma' dahar u jżommu idejhom bla ma jinħallu. Żewġ parteċipanti oħra ser ikunu 'catchers' u jridu jipruvaw jaqbdu l-kumplament li qed iżommu lil xulxin dahar ma' dahar ukoll. Minn din l-attività nitgħallmu li minkejja li forsi narawna mhux tajbin jew b'saħħitna daqs ħaddieħor, ma naqtgħux qalbna, irridu nibqgħu nissieltu għax żgur li aħna tajbin f'xi ħaġa jew oħra.



**B. It-Tieni Laqgħa**

## Kif inkabbru fina qalb kuraġġuża?

### Ikollok bżonn:

- Bowl bl-ilma
- Ħelwa zgħira

**L-GĦAN**

Għandi bżonn kuraġġ biex negħleb il-ħażin li qed jipprova jegħlibni. Nuża b'mod tajjeb l-għodda għandi f'idejja bħalma David uża b'mod tajjeb iċ-ċagħak u l-iżbandola. Ikunu ppreżentati sitwazzjonijiet ta' persuni li għandhom qalb kuraġġjuża.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

Il-katekista timla bowl trasparenti bl-ilma. Il-katekista turi ħelwa żgħira lil parteċipanti. Għalkemm hi żgħira ħafna, hekk kif tintefa fl-ilma, turi effett fl-ilma kollu. Il-ħelwa tibda tagħmel reazzjoni mal-ilma u dan jibda jibdel il-kuluri. Hekk kif tispiċċa r-reazzjoni, il-parteċipanti ikunu jistgħu jaraw b'mod ċar id-differenza li ħalliet fl-ilma dik il-ħelwa żgħira.

**KONTENUT**

Il-katekista jerġa isaqsi lil xi parteċipanti biex jerġgħu jirrakuntaw l-istorja ta' David u l-ġgant Gulija. Il-katekista jiġbed l-attenzjoni fuq dawk iċ-ċagħaq li għalkemm żgħar, għamlu differenza kbira. Għal kull ċagħka l-katekista joħroġ tagħlima.

1. Lil kull wieħed u waħda minna, Alla qed isejħilna għal missjoni sabiħa. Il-katekista isaqsi lil parteċipanti x'jaħsbu li Alla qed isejħilhom biex jagħmlu fil-ġuranta tallum (eż: jaraw li jagħmlu b'mod tajjeb ix-xogħol tad-dar, ikunu ferħanin, jgħinu lil min jistgħu, iżuru lil xi membru li bħalissa jinsab ma jiflaħx etċ ...)

2. Alla dejjem jippreparani. Dik ma kinitx l-ewwel darba li David kellu juża l-iżbandola. Kien hemm drabi oħrajn fejn kellu jużaha biex iħares il-merħla tiegħu.

3. Ma nibżax ikun jien. Li kieku David libes l-armatura li kien tah is-sultan, żgur li ma kienx jiflaħ biex jersaq lejn Gulija u kien jitlef żgur. Iżda David ma beżax jersaq hu kif inhu, bil-kapaċitajiet li tah Alla.

4. David kien jaf sew l-arma tiegħu. Kien jaf jużaha sew u meta ġie fi żmien tal-prova, ma tilifx. X'armi qed nuża biex negħleb il-ħażin li hemm madwari? Naf x'jgħid Ġesù? Nisma' minn min jixtieqli l-ġid? Nitlob lil Ġesù biex jgħinni? Eċċ...

5. B'affarijiet żgħar, inkun kapaċi nagħmel affarijiet sbieħ. David kullma kellu kienu ċagħak. B'sempliċiment affarijiet żgħar, inkun nista' nagħmel lil ħabib tiegħi ferħan. Jekk lil ommi ngħidilha Grazzi jew Aħfirli, nagħmilha kuntenta. Jekk nobdi waqt il-lesson tal-iskola, inkun qed ngħin lit-teacher u lil sħabi.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Fil-paġna ikun stampa ta' tpinġija ta' David u Gulija. Ħdejn David ikun hemm ħames ċagħqiet. Fuq kull waħda, il-parteċipanti jiktbu x'jistgħu jagħmlu biex ikunu jistgħu jmorru dak li tippreżenta d-dinja. Eż: naħfer, ngħin, etċ ...

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.

Noti personali:



# Kif inkabbru fina qalb kuraġġuża?

Kif semmejna diġà, il-Bibbja hi mimlija nies li għalkemm kienu żgħar jew mhux ta' xi kapaċitajiet speċjali, imma fil-mument tal-bżonn ħallew lil Alla jaħdem fihom u għamlu dak li ħadd qatt ma kien għamel qabel. Iżda dawn l-istejjer ma jridux jibqgħu stejjer tal-passat. Il-ġrajjiet tal-Bibbja ma naqrawhomx biex inkunu qrajna storja interessanti imma biex nitgħallmu minnhom. Bħal dawk il-persunaġġi tal-qedem aħna wkoll irridu nirbħu l-biża' u nsiru persuni li nkabbru fina qalb kuraġġuża.

David b'ħames ċaqqħiet rebaħ lis-suldat Gulija. Liema huma dawk il-ħames kwalitajiet li rridu nkabbru fina biex tassew nirbħu fil-ħajja. Madwar iċ-ċagħaq semmi dawn il-kwalitajiet

48

49

# 3 Qalb mimlija ħbiberija

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Qalb ta' Ħbiberija. L-istorja ta' David u Ġonatan.
Ħbiberija ta' għotja vera.

## Ikollok bżonn:

- Stampi ta' affarijiet li jissemmew fl-istorja ta' David u Ġonatan.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Ħbiberija vera!

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

Il-katekista isaqsi jekk il-parteċipanti għandhomx ħbieb. X'jifhmu bil-kelma "ħabib"? Minn fejn tinduna li huwa vera ħabib jew le? Ifhiemhom li llum ser jisimgħu storja dwar żewġt iħbieb tal-qalb.

**KONTENUT**
Tingħad l-istorja ta' David u Ġonatan.

Wara r-rebħa li David għamel fuq Gulija, ġibed lejh simpatija kbira mill-poplu Lhudi. Ħadd qatt ma basar li ser issir din ir-rebħa. Anke s-Sultan Sawl, ried li jsir jaf iktar mill-qrib dan il-ġuvnott. Għalhekk sejjaħlu biex jibda jgħix miegħu l-palazz u jżommu wieħed minn dawk li huma l-iktar qrib tiegħu. Tant kemm kibret il-fiduċja f'David, li s-sultan għamlu bħala wieħed minn dawk li jgħinuh fl-istrateġiji tal-battalji mal-għedewwa tagħhom.

David iltaqa' Ġonatan fil-palazz, it-tifel ta' Sawl li nzerta kien tal-istess età tiegħu. F'kemm ili ngħidlek, saru ħbieb kbar tassew. Kull fejn ikun hemm wieħed, ikun hemm l-ieħor. Tant kemm saru ħbieb li Ġonatan neħħa l-mantar minn fuqu u tah lil David. Tah ukoll l-armatura, ix-xabla, il-qaws u ċ-ċinturin. Dan ifisser li Ġonatan tah dak kollu li kellu, anke s-saltna li kien ser jiret ladarba jmut missieru. Huma għamlu wiegħda li jiġri x'jiġri, huma kienu ser jibqgħu ħbieb għal dejjem.

Iż-żmien baqa' għaddej u l-fama ta' David baqgħet dejjem tiżdied u bir-raġun! David beda jirbaħ kull battalja li kien qed jidħol għaliha l-poplu Lhudi. Kull fejn kien qed jibgħatu Sawl, David kien jirbaħ bil-kbir. Il-poplu beda jfaħħru kull fejn imur, kien iġib lejh simpatija kbira. Dan xejn ma beda jogħġob lil Sawl, l-iktar meta dak ħarġu n-nies jiċċelebraw biż-żfin u d-daqq tat-tnabar u bdew ifaħħru iktar lil David milli lil Sawl.

Sawl beda jobgħod ħafna lil David. Kellu rabja kbira għalih għax in-nies kienu qed iwarrbu lilu bħala sultan u kienu qed ifaħħru iktar lil David. Tant kemm irrabbja li pprova iktar minn darba joqtol lil David iżda David dejjem irnexxielu jaħrab. Għalhekk Sawl ġabar lil Ġonatan u lill-qaddejja tal-palazz biex joqtlu lil David. Iżda Sawl ma kienx jaf li Ġonatan kien sar l-ikbar ħabib tiegħu.

Għalhekk Ġonatan mar jgħid lil David bil-pjan li kellu missieru. Qallu biex jaħrab 'l bogħod kemm jista' jkun biex missieru ma jkunx jista' jsibu. David sema' minn Ġonatan u mar jinħeba f'post mimli għelieqi u għerien.

Meta kienu għal ikel u David ma ġiex biex jiekol bħas-soltu, Sawl saqsa lil Ġonatana fejn kien qiegħed David. Ġonatan ivvintalu skuża u qallu li David kien mar lura Betlem biex jara lil ħutu u lil missieru. Sawl induna li Ġonatan qed jaħbi lil David u beda jgħajjat miegħu b'saħħa kbira. Iżda Ġonatan ma beżax u wieġbu li żgur mhux ser jikxef lil David fejn kien qiegħed għax ma għamel xejn ħażin biex imut. Sawl ma felaħx jisma' lil Ġonatan jaqbeż għal David u qabad il-lanza biex iweġġgħu iżda Ġonatan ħarab minn fuq il-mejda, inkwetat għal dak li jista' jiġri lil David.

L-għada filgħodu. Ġonatan mar ifittex lil David u qallu li aħjar jiddeċiedi darba għal dejjem biex ma jersaqx iktar lejn il-palazz għax missieru Sawl żgur li kien ser joqtlu. Kien il-mument fejn Ġonatan u David kienu ser jinfirdu għal dejjem. Kienet xena ta' qsim il-qalb għax kienu vera żewġt iħbieb li kienu tassew jirrispettaw u jħobbu lil xulxin.

Waqt l-istorja, il-katekista jibda joħroġ diversi stampi ta' oġġetti li jkunu qed jissemmew. Dawn huma: armatura u xabla, lanza, sultan imdejjaq, arpa, mejda tal-ikel.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Wara li tingħad l-istorja, il-katekista jerġa juri lil parteċipanti l-istampi li jkun ħareġ hu u jirrakonta l-istorja. Fhiex iffakkruhom? L-istess stampi jkunu fuq il-ktieb. Il-parteċipanti ikollhom it-tweġibiet fuq in-naħa t'isfel tal-ktieb u jagħżlu minnhom.

## Għeluq

Għalaq il-laqgħa b'talba qasira.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Kif insaħħu l-ħbiberija tagħna?

**L-GĦAN**
Kif insaħħu l-ħbiberija ma' xulxin? X'nista' nagħmel biex ir-relazzjoni tiegħi ma' sħabi tkun tajba? Lealta u commitment. Nintelqu b'fidi kbira fiH. B'hekk ikunu qed insaħħu l-karattru tagħhom.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej aħna ġejna hawn illum biex insiru nafuk ftit aktar. Għinna biex nindunaw li inti qiegħed fostna, dejjem lest biex tgħinna fil-bżonnijiet tagħna. Grazzi Mulej.*

**INTRODUZZJONI:**
Jintweraw stampi ta'opposti*, persuna b'dehra komuni u waħda b'dehra sabiħa; fqira u sinjura; b'dar sabiħa u b'dar kerha; xogħol taħ tbatija u ieħor le, eċċ... Il-katekista isaqsi li kieku jagħżlu bħala ħbieb, liema jagħżlu? Għalfejn? Jekk infittxu ħabib, naraw xi jkollu jew xi kwalitajiet għandu? (Hawn il-katekist jispjega xi tfisser "kwalitajiet") X'qed ifittex fina Ġesù biex ikun ħabib tagħna?

**KONTENUT**
F'din il-parti tal-lezzjoni, ser inqabblu bejn il-ħbiberija ta' David u Ġonatan u l-ħbiberija bejn Ġesu u aħna.

Il-katekist juri flashcard bil-kelma "personali". Jispjega dwar kif i-ħbiberija bejn David u Ġonatan kienet personali u kif inhi personali l-imħabba t'Alla lejna. Il-katekist juri flashcard bil-kelma "tiswa ħafna". Jispjega kemm swiet lil Ġonatan li saħansitara kien lest li jitlef it-tron. Anke Ġesù kien lest li jitlef ħajtu għalina.

Il-katekist juri flashcard bil-kelma "għal dejjem". Jispjega li David u Ġonatan kienu ħbieb għal dejjem, anke wara li kellhom jinfirdu. Dan għamluh għax vera kienu jħobbu lil xulxin.

Il-katekist isaqsi kif dawn il-kelmiet nistgħu napplikawhom fil-ħajja tagħna. Il-katekist joħroġ qalb kbira tal-kartonċin ħamra u fin-nofs iwaħħal stampa ta' Ġesù. Madwar l-istampa ta' Ġesù, kulħadd iwaħħal ritratt tiegħu jew tagħha. Taħt l-istampa tikteb ... ĦBIEB GĦAL DEJJEM.

## Ikollok bżonn:

- Song 'The Beatitudes Song' ara CD riżorsi
- Stampi ta' opposti*
- Flashcards bil-kliem 'Personali', 'Tiswa ħafna' u 'Għal dejjem'.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Fl-Ewkaristija nsib lil Ġesù. (Vuċi Waħda). Il-katekist jispjega li l-Ewkaristija hi eżempju ċar ta' imħabba personali, għotja sħiħa u għal dejjem.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.

Noti personali:



# Kif insaħħu l-ħbiberija tagħna?

David u Gonatan kienu ħbieb kbar u dejjem fittxew li jgħinu lil xulxin. Kollha kemm aħna nixtiequ jkollna ħbieb ta' dan it-tip u l-ewwel pass biex dan ikun possibli hu li aħna stess nibdew inkunu ħbieb tajba għal dawk ta' madwarna. Nibdew billi nistaqsu lilna nfusna "X'nixtiequ li ħaddieħor jagħmel għalina?" u t-tweġiba li tiġina f'moħħna tkun ukoll il-pass li jmiss biex tassew nibnu ħbiberiji b'saħħithom.

52

Irridu niftakru wkoll li barra l-ħbieb li niltaqgħu magħkom l-iskola u l-MUSEUM, għandna wkoll ħabib speċjali li kultant ihobb jistaħbilna, u dan hu Ġesù. Ma narawhx bħalma naraw lil sħabna tal-klassi imma tassew li jkun magħna l-ħin kollu. Kultant faċli ninsewh imma hu ma jinsiena qatt u dejjem lest biex jismagħna u jgħinna fil-bżonnijiet tagħna.

## FL-EWKARISTIJA NSIB LIL ĠESÙ

Ġesù hu l-akbar ħabib
Lest biex Hu ħajtu jagħtik,
Ġismu u demmu ried joffri 'l bnedmin
Sabiex inkunu henjin.

Ġismu hu l-ħobż għall-bnedmin
Bih lilna jgħajjixna jrid
L-inbid jinbidel fid-demm ta' Ġesù,
Bih magħna jagħmel patt ġdid.

**Fl-Ewkaristija nsib lil Ġesù.**
**Aħna t-tfal tassew inħobbuk.**
**Ġejna lkoll nirċevuk**
**Sabiex ġo qalbna nżommuk.**

**Fl-Ewkaristija nsib lil Ġesù.**
**Aħna t-tfal tassew inħobbuk.**
**Ġejna lkoll nirċevuk**
**Sabiex ġo qalbna nżommuk.**

Ġesù jmexxina jrid;
Qribu jżommna f'kull ħin,
Hu r-ragħaj it-tajjeb u aħna l-merħliet;
Lilna jindokra jrid.

Meta nitbiegħdu xi ftit,
Lilna fil-merħla ma jsibx;
Lin-nagħaġ mitlufa jfittex u jsib,
Miegħu jgħaqqadna mill-ġdid. **R/.**

Ġesù hu l-aqwa ħabib
Tagħna t-tfal ċkejkna ħelwin;
F'din il-qalb safja rrid nirċevih,
Miegħi nġorru f'kull ħin.

Miegħu niltaqa' kuljum
Għax Hu tagħna l-ħabib;
F'dik id-dar ċkejkna jistenna jkun
Lilna mmorru nżuruh. **R/.**

53

Unità 4

# Speċjali għalih



**SKOP TAL-UNITÀ**

Għal Alla jien tassew persuna speċjali. Hu dejjem lest li jgħina anke meta aħna min-naħa tagħna ma nagħtux kasu. Kemm David kif ukoll Pietru għal mument ġralhom l-istess u warrbu lil Alla. Iżda hu xorta kien hemm għalihom. Kien lest li jistennihom jindunaw bih u jersqu lura lejh.

# 1 Mumenti ta' dgħufija

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Qalb Dgħajfa. Għalkemm David huwa bniedem b'saħħtu li għeleb dak li deher li hu impossibli, xorta waħda kien hemm mument fejn kien fraġli u waqa'. Il-ħażen li jirbaħ lil bniedem meta l-egoiżmu jidħol fil-fond.

## Ikollok bżonn:

- Stampi ta' torrijiet u strutturi b'saħħithom.
- Tazzi tal-plastik biex tibni torri.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Mumenti ta' dgħufija

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna bħal David u Pietru, dgħajfin u naqgħu fid-dnub. Agħtina l-għajnuna tiegħek biex induru lejk u nerġgħu nsibu t-triq it-tajba. Ammen.*

**INTRODUZZJONI**

Il-katkista juri stampa ta' stampi differenti ta' torrijiet u bini b'saħħtu. Bil-mistoqsijiet li jsaqsi iġiegħel it-tfal jaħsbu dwar x'inhu li qed jagħmel dak il-bini b'saħħtu. Dan jistgħu jitkellmu dwar il-pedament tiegħu, il-materjal minn xhiex inhuwa magħmul, kemm hu għoli etċ.. Il-katekist jaqsam il-parteċipanti f'żewġ gruppi u jtihom tazzi tal-plastik. Bihom iridu jibnu l-iktar torri li hu b'saħħtu. Hekk kif ilestu, il-katekista jiġbed tazzi mill-qiegħ b'tali mod li t-torrijiet li jkunu bnew, jaqgħu. Il-katekista isaqsi li għalkemm il-parteċipanti għamlu milli setgħu biex jibnu t-torrijiet, kif xorta waħda waqgħu? It-tweġiba tkun li għax ikun ġibed tazza li tkun qed iżomm l-istruttura. B'hekk it-torrijiet saru dgħajfa u waqgħu.

**KONTENUT**

Il-katekist jirrakonta storja ta' persuna li ukoll kienet b'saħħitha iżda kien hemm mumenti fejn saret dgħajfa u waqgħet.

Alla kien għażel lil David bħala sultan biex imexxi lil poplu tiegħu. David sar sultan tajjeb ħafna u b'saħħtu tant li kien qed jirbaħ ħafna battalji ma' popli oħra li kienu jattakkaw lil poplu ta' Iżrael. In-nies kienu kuntenti ħafna bih u kienu kburin li għandhom sultan b'saħħtu u li jħobbhom. Dan David kien jafu u beda jaħseb li jista' jagħmel li jrid.

Darba minnhom ħareġ fuq il-bejt tal-palazz u minn hemm fuq jara mara sabiħa ħafna li għoġbitu. Għalkemm ma kinitx il-mara tiegħu, David riedha għandu u xtaqha bħala l-mara tiegħu. Infatti bagħat għaliha l-palazz u sar iħobbha. Beda jitkixxef fuqha u induna li din kienet miżżewġa lil wieħed suldat jismu Urija li kien fl-armata tiegħu. Ried jeħles mir-raġel tagħha biex b'hekk ma jiddejjaqx jgħid quddiem in-nies li din kienet il-mara tiegħu. Għalhekk bagħat għal ġeneral u qallu biex ipoġġi lil Urija fuq quddiem nett tal-battalja. Il-ġeneral hekk għamel u fl-ewwel attakk li kellha l-armata ta' David, Urija miet minħabba li kien quddiem nett. B'hekk il-mara ta' Urija spiċċat armla u David seta jeħodha bħala l-mara tiegħu.

David induna li għalkemm kien sultan b'saħħtu, xorta waħda sar dgħajjef. Induna li għamel żewġ dnubiet kbar – ħa mara li mhiex tiegħu u qatel ir-raġel tagħha.

Il-katekist iqabbel lil David ma' dak it-torri li magħmul minn tazzi tal-plastik. Għalkemm it-torri jidher b'saħħtu, jibda jidgħajjef jekk tibda tneħħielu dak li qed jibnih. Anke is-Sultan David beda jiġrilu l-istess. Iktar kemm beda jitbiegħed minn Alla, iktar beda jidgħajjef. Tant kemm idgħajjef li l-kartattru tiegħu beda jaqa' ftit ftit. Kull meta nibdew inwarrbu lil Alla, nibdew nidgħajjfu.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Madwar il-kastell, il-parteċipanti iniżżlu kwalitajiet li għandhom bżonn biex jibqgħu b'saħħithom.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Nitbiegħdu mill-egoiżmu

**L-GĦAN**
Il-bniedem isir iċ-ċentru ta' kollox minflok Alla. Isir ego-ċentriku. Il-karattru sod isir dgħajjef. Isir egoist u jħossu l-iktar ħaġa importanti fid-dinja.

## Ikollok bżonn:

- Figura tal-kartun ta' tifel jew tifla b'biċċa kalamita fuq wara.
- Figura ta' Ġesù u ta' xi nies oħra b'biċċa metall fuq wara.
- Video clip

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna bħal David u Pietru, dgħajfin u naqgħu fid-dnub. Agħtina l-għajnuna tiegħek biex induru lejk u nerġgħu nsibu t-triq it-tajba. Ammen.*

**INTRODUZZJONI:**
Il-katekista juri tifel jew tifla żgħira tal-kartun fejn mas-saqajn ikun hemm kalamita imwaħħla. Fuq il-mejda ipoġġi diversi nies oħrajn li dawn ukoll biċċa metall żgħira li hekk kif iressaq it-tifel jew tifla lejhom dawn faċilment jeħlu miegħu.

Wara dan l-eżerċizzju insemmu dawk is-sitwazzjonijiet fejn jien ippruvajt inkun iċ-ċentru. Dan jista' jsir bħal waqt il-break tal-iskola, ridt li l-ħin kollu jilgħabu l-logħba li rrid jien. Jista' jkun ukoll li ma nkunx irrid li sħabi joqgħodu ma' dik il-persuna partikulari imma rridhom joqgħodu miegħi.

**KONTENUT**
Fil-ħajja tagħna nibdew nitgħallmu li mhux minna kollox jiddependi. Il-katekista jistieden lil parteċipanti jsemmu dawk l-affarijiet sbieħ li seħħew illum u li ma sarux bis-saħħa tagħhom. Dan jista' jkun l-ikel li kellhom, il-ħwejjeġ nodfa li sabu, l-għalliema u sħabhom l-iskola etċ ...

Il-parteċipanti jsemmu ukoll dawk l-affarijiet li ilhom għandhom minn meta twieldu u mingħajrhom ma jistgħux jgħixu. Il-katekist jgħid lit-tfal joqgħodu ħin fis-skiet u jagħlqu għajnejhom. Imbagħad jaħsbu ftit fin-nifs li qed jieħdu. Jagħmlu dan għal madwar tletin sekonda. Wara l-katekist isaqsi jekk qatt ħasbu dwar in-nifs li qed jieħdu? Kemm neħduh for granted? Minn fejn hu ġej? Min qed iżommna ħajjin?

Il-parteċipanti jiġu iktar konxji tad-dipendenza tagħhom fuq Alla u li mingħajru ma jistgħu jagħmlu xejn. Il-katekist juri l-video clip mis-CD tar-riżorsi jew xi ħaġa simili.

Isaqsi: Min żera ż-żerriegħa? X'kellha bżonn biex tikber dik iż-żerriegħa? Minn fejn ġew dawn l-affarijiet? Kif minn żerriegħa saret pjanta? Kapaċi l-bniedem jagħmel dan? Min kabbarha u qed iżommha ħajja?

Il-katekista jista' jġib iktar eżempji fejn in-natura qed tieħu l-kors tagħha, hi ħolqien t'Alla. Jista' jsaqsi lil parteċipanti min għandu pet li ilu għandu minn meta kien żgħir. Kif kiber f'dan il-pet? X'differenza jara minn meta kien żgħir għalissa li kiber?

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti jiktbu dawk is-sitwazzjonijiet fejn iħossuhom li huma dipendenti fuq Alla. Huma bħal dik iż-żerriegħa li għalkemm xi ħadd żerragħha, imma hu Alla li ser ikabbarha.

## Għeluq

Il-katekist irressaq it-tifel/tifla li uża fil-bidu u jressaqa lejn figura ta' Ġesù li hu ukoll ikollu biċċa metall miegħu. Minn dan naraw li mingħajr Ġesù ma nistgħu nagħmlu xejn.

# Noti personali:



# 2 Nerġgħu lura fit-triq it-tajba

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Il-profeta Natan jidħol għal David, jiftaħlu għajnejh u jrattablu qalbu. Alla ma jħallix lil David waħdu.

## Ikollok bżonn:

- Stampi tal-istorja ta' David u Natan.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Lura lejn it-triq it-tajba

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna bħal David u Pietru, dgħajfin u naqgħu fid-dnub. Agħtina l-għajnuna tiegħek biex induru lejk u nerġgħu nsibu t-triq it-tajba. Ammen.*

Immaġina li tkun qed f'kamra mimlija dlam u waħdek. Kif tħossok? X'tagħmel? Kif tħossok meta xi ħadd jixgħel id-dawl tal-kamra u tinduna li mintix waħdek? Kif tħossok meta jiġi xi ħadd fuqek u jkellmek?

**KONTENUT**
Tiġi ppreżentata l-istorja ta' Ishmael Beah, awtur minn Sierra Leone. Hi l-istorja ta' dan it-tifel ta' 12-il sena li għalkemm kien żgħir, kien suldat waqt gwerra ċivili fi Sierra Leone. Beah ħarab mill-villaġġ fejn kien qed jgħix għax ir-ribelli bdew joqtlu ħafna nies u nfired għal dejjem mill-familja tiegħu. Spiċċa jaħrab minn post għall-ieħor għax il-pajjiż kollu kien mifni bil-gwerra sakemm darba minnhom kien imġiegħel jidħol suldat. Spiċċa juża bħall-oħrajn l-armi. Għadda minn żmien diffiċli ħafna għax spiċċa jagħmel ħafna ħsara lilu nnifsu u lil dawk ta' madwaru. Fl-eta ta' 16-il sena, il-UNICEF ħarġitu mill-gwerra u għenietu jibdel ħajtu. B'ħafna għajnuna, irnexxielu joħroġ minn ġo fih l-ambjent tal-gwerra u spiċċa jivjaġġa mal-Istati Uniti jirrakonta l-istorja tiegħu.

Għalkemm kien għaddej minn żmien diffiċli fejn spiċċa biex miss il-qiegħ, Ishmael sab min jgħinu u jmexxih fit-triq it-tajba.

Kif rajna fil-lezzjonijiet ta' qabel, David ukoll qabad it-triq il-ħażina. Saħansitra kien lest li joqtol ir-raġel ta' mara li għoġbitu biex ikun jista' jiżżewwiġha. Iżda Alla ma ħallhiex lil David waħdu u bagħat lil Natan biex ikun jista' jiftaħlu għajnejh. Natan qal storja lil David.

Kien hemm żewġt irġiel, wieħed fqir u l-ieħor sinjur. Ir-raġel sinjur kellu ħafna ġid u annimali fosthom kellu ħafna nagħaġ. Iżda r-raġel l-ieħor ma kellu xejn miskin ħlief nagħġa waħda żgħira li kien iħobbha ħafna. Għalih kienet qisha t-tifla tiegħu għax lanqas familja ma kellu. Fil-ħajja ma kellu xejn tiegħu, ħlief dik in-nagħġa. Allura tista' timmaġina b'liema imħabba u għożża kien iżomm din in-nagħġa. Kienet kollox għalih.

Ġurnata waħda, ir-raġel sinjur kellu l-mistieden id-dar tiegħu. Bħala rispett ried jagħmillu ikla tajba .. ried isajjar ħaruf. Għalhekk ħareġ barra u jara l-merħla nagħaġ quddiemu. Liema waħda ser jagħżel? Żgur li ma kinitx ser tagħmel differenza kbira jekk jagħżel nagħġa għax kellu ħafna.

Iżda dan ir-raġel sinjur, minflok ma qatel waħda min-nagħaġ li kellu, ried in-nagħġa ta' dak ir-raġel fqir. Dak ir-raġel iddispjaċih ħafna għax l-unika nagħġa li tant kien iħobb ħaduhielu. Iddispjaċih ukoll għax dak li ħadlu n-nagħġa,

kellu ħafna iktar nagħaġ u minflok ħa waħda minn tiegħu, ħadlu l-waħda li kellu.

X'ħin sema din l-istorja, David mhux biss iddispjaċih iżda ukoll irrabja għalih. Iżda Natan qallu li hu għamel bħal dak ir-raġel is-sinjur. F'ħajtu kellu ħafna biex ikun ferħan iżda ma kienx kuntent b'dak li kellu.

Il-katekist isaqsi lil parteċipanti xi eżempji mill-ħajja ta' kuljum fejn inkun għamilt xi ħaġa ħażina u ninduna b'dak li għamilt.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti isegwu flimkien l-istorja ta' Natan u David.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba

## Noti personali:



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Infittex lil min jgħini

**L-GĦAN**

Fil-mument ta' dgħjufija, x'ser nagħmel? Ikolli qalb sensittiva għal Alla, għall-oħrajn u għalija nnifsi. Min huwa Natan fl-istorja ta' ħajti? Alla li jaċċettani lura – il-ħniena ta' Alla.

## Ikollok bżonn:

- Dixx tawwal bl-ilma
- Papri żgħar tal-plastik
- Biċċiet tas-sufra
- Straw

---

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Mulej, kultant aħna bħal David u Pietru, dgħajfin u naqgħu fid-dnub. Agħtina l-għajnuna tiegħek biex induru lejk u nerġgħu nsibu t-triq it-tajba. Ammen.*

Il-katekista jpoġġi dish tawwali bl-ilma fuq il-mejda u ġo fih ipoġġi numri ta' papri fuq naħa waħda tad-dish. Il-papri jinqataw minn fuq il-forma u jitwaħħlu ma' biċċa sufra żgħira biex ikunu jistgħu joqgħodu fuq il-wiċċ tal-ilma. Fuq in-naħa l-oħra tad-dish ipoġġi papra oħra fejn il-katekista jirrakonta li din il-papra telqet il-papri l-oħra u ntilfet. Il-katekist iqabbad parteċipant biex bi straw jonfoħ fuq il-papra sakemm iwassalha ħdejn il-papri l-oħra. Minn din l-attività l-katekist isaqsi lill-parteċipanti permezz ta' xhiex il-papra ingħaqdet ma' sħabha. Ir-risposta tkun li l-parteċipant kien il-mezz biex il-papra sabet it-triq lura.

**KONTENUT**

Il-katekist jsaqsi lill-parteċipanti xi ċirkustanzi fejn għamlu xi ħaġa mhux tajba u permezz tagħha qalu le lil Ġesù. B'hekk ikunu inqatgħu mill-kumplament ta' sħabhom.

Svetlana kienet bdiet tnaqqas l-interess mill-katekiżmu u iktar kemm jgħaddi ż-żmien, aktar bdiet tfalli. Maria indunat u bdiet tħajjar iktar lil Svetlana biex terġa tibda tmur il-katekiżmu. Min hu Natan f'din l-istorja?

L-imġieba ta' Paul l-iskola ma kienetx tajba. Il-ħin kollu jirrispondi lit-teacher u jaqla' l-inkwiet ma' sħabu. Sakemm kien hemm l-assistant head u kellmet bil-kwiet lil Paul. Paul beda jmur aħjar fl-iskola u l-imġieba tiegħu saret ferm tajba. Min hu Natan f'din l-istorja?

Katia kienet tmur nhar ta' Sibt tgħin lin-nanna biex taqdiha xi ftit. Iżda kienet tintefa' quddiem it-television waqt li z-zija Carmen kienet tagħmel il-faċendi. In-nanna kienet tgħidilha biex tmur tixtrilha l-ħobż iżda Katia kienet tibqa' bil-qiegħda. F'ħin minnhom ġiet iz-zija Carmen u ppruvat tfhiemha bil-kelma t-tajba li n-nanna ma tantx għadha tiflaħ u għandha bżonn l-għajnuna. Katia fhiemet u mis-Sibt ta' wara bdiet isaqsi hi stess lin-nanna dwar x'għandha bżonn. Min hu Natan f'din l-istorja?

William kien dejjem moħħu biex jinbex lil ħutu. Din il-ħaġa kien jagħmilha ukoll meta kienu mal-ħbieb tant li dawn bdew jiddejqu jaraw din l-imġieba. Kienu jgħidu li jekk kien kapaċi idejjaq lil ħutu stess, mela jista' ukoll li jibda jaqbad magħhom. Infatti kien hemm uħud li ma bdewx jilgħabu miegħu meta kienu jiltaqgħu. Sarah, il-kuġina favorita tiegħu, bdiet tinduna x'inhu jiġri u sabet bil-kwiet lil William u bdiet tgħidlu x'inhu jagħmel b'idejh. William induna, biddel l-imġieba tiegħu u reġa beda jkollu l-ħbieb. Min hu Natan f'din l-istorja?

# Ktieb tal-Attivitajiet

Fil-kaxxi li hemm apposta, il-parteċipanti iniżżlu xi persuni li jaħsbu li jistgħu jgħinhom fil-ħajja ta' kuljum. Il-parteċipanti isegwu mad-diska "Every move I make".

# Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba

# Noti personali:



## Infittex lil min jgħini

Fil-ġrajja tas-sultan David qrajna kif il-profeta Natan fetaħlu għajnejh u wrieh li jekk jibqa' miexi fl-istess triq kien se jiġrilu bħas-sultan Sawl. David kien ifittex il-pariri ta' dan il-profeta għax kien jaf li jridlu l-ġid. Aħna lil min għandna nfittxu biex jagħtina parir tajjeb?

## EVERY MOVE I MAKE

Every move I make
I make in You.
You make me move, Jesus,
Every breath I take
I breathe in You.

Every step I take
I take in You.
You are my way, Jesus,
Every breath I take
I breathe in You.

**Na-- na-- na na na na na (x3)**

Every move I make
I make in You.
You make me move, Jesus,
Every breath I take
I breathe in You.

Every step I take
I take in You.
You are my way, Jesus,
Every breath I take
I breathe in You.

Waves of mercy
Waves of grace,
Everywhere I look
I see Your face.
Your love has captured me,
Oh my God, this love
How can it be?

**Na-- na-- na na na na na (x3)**

F'dawn il-karti żgħar niżżel xi persuni li taħseb li jistgħu jgħinuk.

63

# 3 L-iżball ta' Pietru

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Pietru isir egoċentriku. Għalkemm kien avżat minn Ġesù, xorta waħda waqa'.

## Ikollok bżonn:

- Dominoes
- Oġġetti biex taħbi waqt il-lezzjoni
- Stampi taċ-Ċaħda ta' Pietru

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## L-iżball tal-Pietru

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna bħal David u Pietru, dgħajfin u naqgħu fid-dnub. Agħtina l-għajnuna tiegħek biex induru lejk u nerġgħu nsibu t-triq it-tajba. Ammen.*

Il-katekist jipprepara minn qabel fuq il-mejda numru ta' dominoes weqfin wara xulxin.
Wara t-talba tal-bidu, imiss l-ewwel waħda li eventwalment jaqgħu d-dominoes l-oħrajn kollha. Il-katekist jgħin lil parteċipanti joħorġu l-fatt li d-dominoes bdew jaqgħu b'riżultat li l-oħrajn ta' qabilhom kollha bdew jaqgħu wara xulxin. Din l-istess ħaġa ġrat lil Pietru. Għamel żball li dan wasslu biex jagħmel żball wara ieħor.

**KONTENUT**
Il-katekista jirrakonta l-istorja taċ-ċaħda ta' Pietru. Pietru jgħid lil Ġesù li lest li jmut anke biex ma joqtlux lil Ġesù

- Pietru ma jidħolx ma' Ġesù għax beża.
- Pietru jiċħad lil Ġesù mas-seftura
- Pietru jerġa jiċħad lil Ġesù wara li semmietu s-seftura
- Pietru jerġa jiċħad lil Ġesù meta grupp ta' nies resqu lejh
- Jidden is-serduq
- Pietru jiftakar f'dak li qallu Ġesù
- Pietru jinfaqa' jibki u jinduna li kien żbalja.

Il-katekista jagħżel parteċipant biex joħroġ barra. Il-katekist irid jaħbi tliet oġġetti fil-klassi u parteċipant irid isibhom u jpoġġihom fuq il-mejda tal-klassi. Huma jridu jagħmlu dan qabel ma l-katekista jsaffar darbtejn. Il-katekista jara li jsaffar darba kull ħames sekondi. Isaqsi lil partecpant kif ħassu meta sema s-suffara darbtejn u hu kien ma lestiex kollox. Isaqsi lil bqija tal-partecpanti kif ħassu Pietru meta sema s-serduq jidden hekk kif ċaħad lil Pietru tliet darbiet.

Il-katekista isaqsi lil parteċipanti kif aħna nistgħu "niċħdu" lil Ġesù.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti isegwu flimkien l-istorja taċ-ċaħda ta' Pietru.

## Għeluq

Għalaq il-laqgħa b'talba qasira.

## Noti personali:



3

# L-iżball ta' Pietru

Pietru kien wieħed mill-akbar ħbieb ta' Ġesù. Kien wieħed mill-ewwel dixxipli tiegħu u ħafna drabi fejn kont tara lil Ġesù, kont se tara lilu żgur. Pietru semgħu jgħallem, rah jagħmel il-mirakli u fuq kollox kien jafu sew. Madankollu, bħalna, kien hemm mument fejn inħakem mill-biża' u żbalja.

## Iċ-Ċaħda ta' Pietru Ġw 18, 1-27

Kull fejn kien imur Ġesù kont issib folol kbar ta' nies, min biex jisimgħu u ħafna aktar biex jaraw jew jaqilgħu xi miraklu.

Imma fl-aħħar jiem ta' ħajtu kważi kulħadd ħallieh, anke dawk l-aktar qrib tiegħu. Ġuda kien fost l-ewwel li ħallieh u ttradieh għal 30 munita tal-fidda.

Ħaduh quddiem il-mexxejja tat-tempju u għalkemm kienu jippretendu li huma nies tajba, kienu qed jigdbu fuqu biex jikkundannawh għall-mewt.

Pietru, wieħed mill-aktar dixxipli qrib ta' Ġesù, kien barra fil-bitħa.

Imma meta waħda għarfitu li kien wieħed mid-dixxipli ta' Ġesù, Pietru ċaħad, u mhux darba!

Qalilhom li ma kinux jafu x'inhuma jgħidu, li hu qatt ma rah lil dan Ġesù – gideb fuq li gideb biex jeħles minnhom. Gideb għax beża'!

B'dispjaċir kbir ħarab 'il barra għax induna li kien żbalja u ftakar li Ġesù, ftit sigħat qabel, kien qallu li se jiċħdu.

65

**B. It-Tieni Laqgħa**

## L-Indiema ta Pietru

**L-GĦAN**

Il-proċess tar-rikonċiljazzjoni ta' Pietru. Il-ħarsa ta' Ġesù li ratbet qalb Pietru. Is-serduq li jfakkar lil Pietru bl-iżball li kien għadu kemm għamel.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Mulej, kultant aħna bħal David u Pietru, dgħajfin u naqgħu fid-dnub. Agħtina l-għajnuna tiegħek biex induru lejk u nerġgħu nsibu t-triq it-tajba. Ammen.*

**INTRODUZZJONI:**

Il-kateksita isemma' lil parteċipanti dawn il-ħsejjes u jsaqsihom fhiex ifakkarhom. Dawn jistgħu ikunu alarm, qanpiena tal-iskola, van tal-ħobż jew tal-bigilla, qanpiena tal-knisja, sirena ta' ambulanza ... u serduq.

**KONTENUT**

Meta sema' lis-serduq, Pietru nduna li kien żbalja. Is-serduq kien qisu bħal dik il-bozza ħamra li turi li qiegħed fil-periklu jew li żbaljajt. Pietru induna li għamel xi ħaġa ħażina u ddispjaċih. Aħna ukoll nindunaw li għamilna xi ħaġa ħażina, hekk kif inkunu għamilniha. X'kien dak li wassal biex għaraf lil Ġesù? Insemmu xi nuqqasijiet li nistgħu nagħmlu. Kif nindunaw li għamilna ħażin? X'jiġri wara?

Hawn tista' ssir l-attività tal-ktieb li tkun mod tajjeb kif nerġgħu nirrevedu l-istorja.

Pietru għaraf li għamel xi ħaġa ħażina u ddispjaċih. Pietru kellu għażla x'jagħmel u b'libertà sħiħa, għażel li jagħmel dak li hu ħażin. Fil-ħajja tagħna ukoll ikollna nagħmlu għażliet differenti.

Il-katekist iqiegħed kontenitur fin-nofs tal-mejda mimli biċ-ċiċri u żerriegħa tal-popcorn. Il-parteċipanti jinqasmu f'żewġ timijiet differenti. Kull parteċipant ikollhom straw u jridu jiġbdu ċ-ċiċri u jwasslulha fil-kontenitur tat-team rispettiv tagħhom. Naturalment fil-kontentur trid tibqa' biss iż-żerriegħa tal-popcorn. Jirbaħ min ikollu l-iktar ċiċri fil-kontenitur tagħhom.

Matul din l-attività l-parteċipanti qed jagħmlu għażla bejn żewġ affarijiet. Jistgħu isemmu għażliet differenti li jagħmlu bejn xi ħaġa tajba u xi ħaġa ħażina.

### Ikollok bżonn:

- Sound effects (alarm, qanpiena tal-iskola, van tal-ħobż jew tal-bigilla, qanpiena tal-knisja, sirena ta' ambulanza ... u serduq)
- Kontenitur biċ-ċiċri u popcorn
- Straw
- 2 Kontenituri vojta

## Ktieb tal-Attivitajiet

Tinħadem crossword b'dawn il-ħjiel.

- Ġesù għażlu bħala l-Kap tal-Knisja iżda dan ċaħħdu u qal li ma jafux. – **Pietru**
- Idden wara li Pietru ċaħħdu tliet darbiet – **Serduq**
- Pietru mar fil-______________ ħdejn in-nar. – **bitħa**
- Pietru beda ______________ hekk kif sema' l-serduq jidden. – **jibki**
- Marret fuq Pietru u qaltlu li kienet ratu l-Galilija. – **qaddejja**
- Pietru ______________ għal dak li għamel. – **iddispjaċieh**

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.

Noti personali:



# L-Indiema ta' Pietru

L-istorja ta' Pietru ma tiqafx maċ-ċaħda, imma tkompli. Pietru induna bl-iżball tiegħu u iddispjaċieh għall-aħħar. Minn dan l-iżball Pietru tgħallem u aktar minn hekk ħareġ aktar b'saħħtu.

Ara twieġibx dawn il-mistoqsijiet marbuta mal-ġrajja taċ-ċaħda ta' Pietru u dak li ġara wara. Fittex il-ġrajja fl-Evanġelji ta' Mattew (kapitlu 26 minn vers 69), ta' Mark (kapitlu 14 minn vers 66) ta' Luqa (kapitlu 22 minn vers 54) u ta' Ġwanni (kapitlu 18 minn vers 15). L-erba' evanġelisti jirrakkuntawlna din l-istorja mhux biex juruna l-iżball ta' Pietru daqskemm biex juruna li l-maħfra ta' Ġesù m'għandhiex tmiem. Meta jiddispjaċina u nduru lura lejn Ġesù, hu jilqagħna lura u jkompli jagħmel bina ħwejjeġ kbar.

**FITTEX IL-KELMA**

1. Ġesù għażlu bħala l-kap tal-Knisja iżda dan ċaħdu u qal li ma jafux.
2. Idden wara li Pietru ċaħdu tliet darbiet.
3. Pietru kien hemm meta għarfuh li kien ħabib ta' Ġesù.
4. Min għaraf lil Pietru?
5. X'għamel Ġesù meta reġa' ltaqa' ma' Pietru?
6. Illum x'insejħulu s-suċċessor ta' Pietru?

s P g ħ a l l s e r i l é
E i e f t p ħ a f i r l u
t e d t r i k o l o r s a
u t m q a d d e j j a ù n
r r t l ż e x s u v b w i
s u w d t p ċ e l s t e b
i b e r i t t a g e a l ħ
r i l ż e s e r d u q l o
ġ d i d t g ħ u s l i e m
P a p a s b i t ħ a e v u

67

# 4 Kif jikkomunika magħna Alla?

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din il-laqgħa se nintroduċu mal-parteċipanti l-virtù tal-qawwa. Se naraw xi tfisser tkun ta' karattru u x'jagħmel pseruna ta' karattru sod.

## Ikollok bżonn:

- Bibbja

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-Karattru Sod

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna bħal David u Pietru, dgħajfin u naqgħu fid-dnub. Agħtina l-għajnuna tiegħek biex induru lejk u nerġgħu nsibu t-triq it-tajba. Ammen.*

Il-katekista isaqsi lil parteċipanti dwar metodi differenti dwar kif illum nistgħu nikkomunikaw fid-dinja. Permezz ta' xhiex? Jissemmew mezzi ta' komunikazzjoni differenti. Jekk nixtieq li nikteb messaġġ li jixtieq jarah kulħadd, x'nista' nuża biex jarawh ħafna nies. Minn naħa l-oħra, nixtieq li nkellem lil persuna partikulari. X'mezz ta' komunikazzjoni nista' nuża?

**KONTENUT**
Alla x'qed juża biex jikkomunika miegħi? Alla juża mezzi li permezz tagħhom jista' jitkellem ma' kulħadd (eż Bibbja jew quddiesa) iżda fl-istess ħin jista' jwassal messaġġ partikulari lil diversi nies. Passaġġ mill-Bibbja jista' jolqot lil diversi nies b'diversi modi. Kif Alla jista' jkellimni llum?

**Permezz tal-Kelma t'Alla**
Il-katekisa ipoġġi wara xbieha ta' Ġesù u tinqara parti mill-Bibbja b'mod dirett għat-tfal. Il-katekista ma jidhirx biex il-kelma tinstema li ġejja mingħand Ġesù. Eżempju tas-silta tistà tkun, "Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien. Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Intom ħbiebi, jekk tagħmlu dak li jiena nikkmandakom." Insaqsu lil Ġesù x'qal permezz ta' dik is-silta.

**Permezz tal-Ewkaristija**
Kif qed inġib ruħi hekk kif nirċievi lil Ġesù ġewwa fija? Qed inħallih ikellimni ftit? Qed infittex ħin li mmur quddiemu fl-Ewkaristija u nkellmu ftit? Qed inħeġġiġhom lil membri tal-familja biex imorru nisimgħu l-quddiesa flimkien?

**Permezz ta' ħaddieħor**
Ġieli żbaljajt u kien hemm xi ħadd li kkoreġieni bil-kelma t-tajba u jien smajt minnu? Ġieli kien hemm xi ħadd li qalli kelma ta' ġid? Ġieli smajt minn xi ħadd u wara li obdejtu ħassejtek iktar kuntent/a? Min jistgħu ikunu dawn in-nies. Alla qed ikellimna ukoll permezz ta' dawn in-nies.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Mobiles bi screens differenti. Il-parteċipanti jiktbu fuq dawk l-iscreens dak li jaħsbu li qed jgħidilhom Ġesù.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.

Noti personali:



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Qalb miftuħa għal Alla

**L-GĦAN**
Qalb miftuħa li nasal li nafda lil Alla. Qalb li twieġeb għal dawn il-messaġġi.

## Ikollok bżonn:

- Biċċa drapp biex tgħatti l-għajnejn.
- Affarijiet biex jinstabu waqt l-attività.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna bħal David u Pietru, dgħajfin u naqgħu fid-dnub. Agħtina l-għajnuna tiegħek biex induru lejk u nerġgħu nsibu t-triq it-tajba. Ammen.*

**INTRODUZZJONI:**
Il-katekista jaqsam il-parteċipanti f'żewġ timijiet. Kull jagħżel persuna li ser ikollha għajnejha mgħottijin. Il-katekista ixerred diversi ħwejjeġ madwar il-kamra. Kull tim irid iwassal biex il-parteċipant li mhux qed jara jilbes xi ħaġa minn saqajh, flokk u xi ħaġa f'rasu. It-tim li jagħmel dan l-ewwel ikun ir-rebbieħ.

**KONTENUT**
Il-katekista isaqsi liż-żewġ parteċipanti li kellhom għajnejhom mgħottijin dwar kif ħassewhom. X'raw fil-persuni li ppruvaw imexxuhom? Fost diversi fatturi kienu li l-parteċipanti li ma kienux qed jaraw, jużaw il-kliem li fih sens ta' direzzjoni. Din il-fiduċja totali hi frott tar-relazzjoni li kellhom bejniethom il-parteċipanti.

Il-katekista isaqasi dwar kif inhi r-relazzjoni tagħhom ma' Alla? Nagħti każ tiegħu matul il-ġurnata? Inkun konxju li hu qiegħed hemm il-ħin kollu jieħu ħsiebi? Il-parteċipanti isemmu sitwazzjonijiet fejn jafdaw f'Alla.

Il-katekista jista' jippreżenta dawn is-sitwazzjonijiet:

- John kien marid u nduna li ma setax ifiq malajr.
- Maria mitilha n-nanna li tant kienet tħobb.
- Philip kellu eżami u nduna li kien tqil ħafna.
- Casey bdew iwarrbuha sħabha u spiċċat waħedha.
- Ġesù qiegħed jikkomunika miegħi f'dan il-ħin.

Fl-aħħarnett nintroduċu t-tfal għas-song 'God will make a way', bħala konklużjoni tal-laqgħa.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Paġna minn djarju li fiha l-jiem tal-ġimgħa u l-parteċipanti jiktbu kuljum x'għamlu b'mod konkret biex jafdaw f'Alla. B'hekk verament ikunu qed jimxu ma' Alla f'kull ġurnata tal-ħajja tagħhom.

## Għeluq

Tliet parteċipanti jgħidu talba kull wieħed li juru fiduċja totali f'Alla.

Noti personali:



# Qalb miftuħa għal Alla

Għalkemm ma narawhx, Alla qiegħed hemm għalina u meta jarana fil-bżonn jibgħat l-għajnuna tiegħu mal-ħafna nies li niltaqgħu magħhom – il-ġenituri, l-għalliema, il-katekisti u ħafna u ħafna oħra. Iżda aħna rridu nkunu moħħna hemm għax faċli li din l-għajnuna ta' Alla nitilfuha għax ma nindunawx. Irrid ikollna qalb miftuħa għal Alla.

Din il-ġimgħa pprova afda ftit iktar f'Alla u hawn taħt żomm nota ta' kif fdajt fih.

It-Tnejn

It-Tlieta

L-Erbgħa

Il-Ħamis

Il-Ġimgħa

Is-Sibt

Il-Ħadd

## GOD WILL MAKE A WAY

God will make a way
Where there seems to be no way
He works in ways we cannot see
He will make a way for me

He will be my guide
Hold me closely to His side
With love and strength
for each new day
He will make a way,
He will make a way

Oh, God will make a way
Where there seems to be no way
He works in ways we cannot see
He will make a way for me

He will be my guide
Hold me closely to His side
With love and strength
for each new day
He will make a way,
He will make a way

By a roadway in the wilderness,
He'll lead me
And rivers in the desert
will I see
Heaven and Earth will fade
but His Word will still remain
And He will do
something new today

Oh, God will make a way
Where there seems to be no way
He works in ways we cannot see
He will make a way for me

He will be my guide
Hold me closely to His side
With love and strength
for each new day
He will make a way,
He will make a way

By a roadway in the wilderness,
He'll lead me
And rivers in the desert
will I see
Heaven and Earth will fade
but His Word will still remain
And He will do
something new today

Oh, God will make a way
Where there seems to be no way
He works in ways we cannot see
He will make a way for me

He will be my guide
Hold me closely to His side
With love and strength
for each new day
He will make a way,
He will make a way
With love and strength
for each new day
He will make a way,
He will make a way

Unità 5

# Miegħu ma jonqosni xejn



**SKOP TAL-UNITÀ**

F'ħajtu Ġesù ltaqa' ma' ħafna nies differenti. Kien hemm min kien miexi fit-triq it-tajba u Ġesù għenu jsir dixxiplu aħjar filwaqt li kien hemm min kien qabad triq ħażin u bl-għajnuna tiegħu kkonverta. Kull fejn kien, Ġesù ġab differenza fil-ħajja tan-nies u llum għadu jagħmel l-istess. Jekk nħalluh, Ġesù jista' jagħmel differenza kbira f'ħajjitna wkoll. Il-laqgħat tal-katekeżi, il-qari mill-Bibbja u fuq kollox l-Ewkaristija huma biss ftit mill-modi kif Ġesù jidħol f'ħajjitna llum.

# 1 Min fostkom hu bla dnub…

## Ikollok bżonn:

- Biċċa drapp maħmuġa
- Banju bl-ilma
- Presentation tal-ġrajja tal-Mara midinba.

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
F'din il-lezzjoni ser insaqsu min kienet Marija l-Madalena. L-importanza ma għandhiex tkun dwar x'kien id-dnub tal-Madalena imma dwar il-bidla jew konverżjoni li saret f'ħajjitha hekk kif iltaqgħet wiċċ imb'wiċċ ma' Ġesù.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Min hu bla dnub…

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna niġġudikaw lil ħaddieħor u ninsew li aħna wkoll niżbaljaw. Agħtina l-għajnuna tiegħek bħalma għamilt ma' nies qabilna biex aħna ma nitilqu qatt it-triq li twassal għandek.*

**INTRODUZZJONI**

Fil-bidu tal-lezzjoni l-katekista jaqbad biċċa bajda maħmuġa u jaħsilha quddiem il-parteċipanti. Hu jispjega li hekk kif daħħalha ġewwa fl-ilma, il-biċċa saret bidla fiha. Din il-biċċa saru fiha żewġ affarijiet. Hi saret aħjar milli kienet u hi evidenti li ma baqgħetx l-istess. Kienet maħmuġa u issa saret nadifa kif kienet fil-bidu.

**KONTENUT**

Tingħad l-istorja tal-konverżjoni ta' Marija Madalena permezz tal-powerpoint. Għandha tingħata l-importanza lill-konverżjoni.

Kien kmieni filgħodu meta Ġesù mar fit-tempju u hemmhekk qagħad jgħallem. Inġabru ħafna nies fil-bitħa tant li waslu sal-bieb ta' barra. F'daqqa waħda instema' ġej ħafna storbju minn naħa ta' wara. In-nies daru u jaraw ġejjin fuqhom grupp ta' Fariżej  u mara miexja quddiemhom. Il-mara kienet tidher li għamlet xi ħaġa ħażina ħafna. Il-Fariżej kellhom rabja kbira fuqhom u l-mara kienet tidher imbikkma. Kellha ħwejjiġha imqattgħin, xagħraha

imħabbel u mimli trab u d-dmugħ nieżel ma' wiċċha. In-nies warrbulhom sakemm il-Fariżej ġew quddiem Ġesù bil-mara fin-nofs. Hekk kif waslu lkoll kemm huma qabdu ġebla f'idejhom waqt li ħarsu f'għajnejn Ġesù. Wieħed minnhom qallu: "Mgħallem, din il-mara nqabdet fil-fatt tagħmel dnub kbir. Il-liġi tagħna tgħidilna li meta mara tagħmel hekk għandna nitfgħulha l-ġebel sakemm din tmut. Huma qalulu hekk biex jaqbduh f'xi kelma biex ikunu jistgħu jakkużawh li qed jgħallem kontra l-liġi tal-Lhud. Ġesù ma qal xejn iżda tbaxxa mal-art u beda jikteb b'subgħajh fuq it-trab. Billi l-Fariżej komplew isaqsuh, Ġesù qam dritt bil-wieqfa u b'leħen sod qalilhom: "Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla." Ma qal xejn iżjed iżda tbaxxa mal-art u kompla jikteb fi-trab. Waqa' skiet kbir fost dawk kollha li kienu miġburin. F'daqqa waħda bdew jinstemgħu jaqgħu mal-art il-ġebel li kienu qed iżommu f'idejhom dawk il-Fariżej. Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ tal-Fariżej u dawk kollha li bdew jakkużżaw lil dik il-mara. Ilkoll kienu jafu li anke huma kienu żbaljaw xi darba jew oħra f'ħajjithom u għalhekk ma setgħux jakkużaw lil dik il-mara b'dak il-mod. Kulħadd telaq ... baqgħu biss il-mara waħedha ma' Ġesù. Ġesù qam, qabad il-mara u b'leħen kalm u ħelu qallha, "Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?" "Ħadd, Sinjur," qaltlu l-mara b'leħen miksur imma mimli ferħ."Mela anqas jien ma nikkundannak," qalilha Ġesù. "Mur, u mil-llum 'il quddiem tidnibx iżjed."

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti jiktbu x'tixtieq










 jitolbu lil Ġesù biex jgħinhom ikunu aħjar.

## Għeluq

Tingħata l-importanza li kuljum irid insir aħjar. Dan isir speċjalment premezz tal-qrar u l-Ewkaristija. Il-biċċa trid tinħasel ta' spiss. Ma tinħasilx darba u daqshekk. Irridu nkunu ndaf mid-dnub u mimlijin bl-imħabba permezz ta' l-Ewkaristija.



**B. It-Tieni Laqgħa**

# L-istorja moħbija

**L-GĦAN**

Nimplementaw din il-ġrajja fil-ħajja tagħna. Fil-ħajja tagħna ma nistgħux niġġudikaw. Jien ma' liema naħa naqa', ma' Ġesù jew mal-Fariżej? F'liema ċirkustanzi tal-ħajja nitfgħu l-ġebel u x'tip ta' ġebel nitfgħu? Ġesù ħafer lil dik il-mara li kienet ser tkun iġġudikata. Dan il-messaġġ ta' maħfra jfakakrna li qatt ma għandna niġġudikaw fil-ħajja tagħna.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Mulej, kultant aħna niġġudikaw lil ħaddieħor u ninsew li aħna wkoll niżbaljaw. Agħtina l-għajnuna tiegħek bħalma għamilt ma' nies qabilna biex aħna ma nitilqu qatt it-triq li twassal għandek.*

**INTRODUZZJONI:**

Anthony kien trabba ma' ommu u missieru. Ommu kienet twasslu kullimkien u fejn hemm bżonn. Filgħodu kienet twasslu l-iskola u filgħaxija kienet twasslu għal katekiżmu jew il-privat. Iżda iktar kemm beda jgħaddi ż-żmien, Anthony beda jgħid lil ommu li ma hemmx għalfejn twasslu hi. L-omm bdiet tinkwieta għax għalkemm issa kiber xi ftit, xorta waħda kienet tibża li ttajru xi karozza peress li kienu jogħqodu fi triq traffikuża ħafna. Iżda Anthony xorta waħda ma riedx.

Darba waħda l-omm saqsiet lil binha għalfejn ma ridhiex li twasslu. Anthony ipprova iġib ħafna skużi iżda wara li l-omm baqgħet tissikkah, qallha l-verità. Qallha li kien qed jiddejjaq minħabba li kellha idha koroh u mkemmxin. Saħansitra kien hemm min sħabu li bdew jaqbdu miegħu fuq hekk. Anthony beda jħossha ħafna din ta' id ommu u bejn ma riedx li ommu ssir taf u bejn ma riedx li jibqa' jiġi mgħajjar minn sħabu, iddeċieda li jmur fejn imur jibda jmur waħdu. L-omm meta semgħet dan kollu ma qalietx kelma waħda. Baxxiet għajnejha u qagħdet kwieta. Wara ftit minuti ħarset f'għajnejn binha u flok bdiet tispjegalu, qaltlu li xtaqet tgħidlu storja.

Qaltlu li darba kien hemm omm li kellha tifel il-ġmiel tiegħu. Kien tifel ħelu u kulħadd jiggustah. Kienet tħobbu ħafna u kienet lesta li tagħmel kollox għalih. Iżda darba waħda ġrat xi ħaġa li qatt ma basret li ser tiġri. Kienet fuq il-bejt tonxor waqt li t-tifel kien isfel fil-cot jilgħab. Buffura riħ waqqgħet ix-xemgħa li kien hemm quddiem l-istatwa tal-Madonna u laqtet il-purtiera. F'kelma waħda in-nar beda jintered u beda riesaq iktar lejn il-cot. Minn naħa l-oħra l-omm lestiet il-manxra u bdiet nieżla l-isfel bil-friskatur vojt. Mill-ewwel indunat x'kien ġara hekk kif rat id-duħħan ħiereġ mill-kamra ta' binha. Telqet il-friskatur mal-art u marret b'ġirja sħiħa lejn il-kamra. Minħabba d-duħħan, lil binha ma ratux imma setgħet tisma' l-biki tiegħu ġej minn ġol-cot. Serrħet moħħha li kien għadu ħaj, dawwret il-flok ma' ħalqha biex ma tiblax duħħan u marret lejn il-cot. Dak il-ħin stess, waqgħet l-ixkaffa tal-Madonna fuq il-cot u ġiet eżatt maġenb binha. Dak il-ħin ma ħasbet xejn, qabdet l-ixkaffa b'idha, tajritha 'l bogħod mit-tifel, qabditu u ħarġet tiġri bih mill-kamra.

Hekk kif ħarġet mill-kamra, bieset bewsa lit-tifel, ċemplet l-emerġenza u qagħdet bilqiegħda tibki maġenb binha. Bdiet tibki kemm bil-ħasda u anke bl-uġiegħ li kellha f'idejha. Idha kienet inħarqet u saret nefħa waħda.

Hekk kif spiċċat ir-rakkont, għajnejn Anthony kienu mxarrbin bid-dmugħ. Kien induna li dik it-tarbija salvata minn ommha ma kienet ħadd ħlief hi u dik l-omm bl-idejn maħruqa kienet biss ommu l-għażiża. Kemm iddispjaċih li kien iġġudika lil ommu!! Minn dakinhar ma bediex jiddejjaq joħroġ ma' ommu bl-idejn koroh iżda kien kburi li għandu omm li salvatlu ħajtu ... anke jekk kienet lesta li tħassar idejha.

Il-katekista isaqsi xi żball għamel it-tifel fl-istorja. Il-parteċipanti iwieġbu li għamel ħażin li ġġudika lil ommu.

**KONTENUT**

Il-katekista isaqasi lil parteċipanti x'differenza kien hemm bejn il-Fariżej u Ġesù fl-istorja tal–konverżjoni ta' Marija Madalena. Id-differeza

li kien hemm hi li l-Fariżej iġġudikaw lil Marija iżda Ġesù mhux talli ma ġġudikahiex iżda talli ħafrilha u ħabbha. Anke aħna ma sħabna rridu noqgħodu attenti x'ngħidu u x'nagħmlu qabel niggudikaw lil ħaddieħor.
Fuq blalen tal-karti jiktbu azzjonijiet tajba u fuq oħrajn azzjonijiet ħżiena. Dawk li huma azzjonijiet tajba, huma l-ġebel li ma jitwaddabx. Dawk li huma azzjonijiet ħżiena, jitwaddbu. "L-azzjonijiet il-ħżiena" jiġu mmirati lejn siġġu u fuqu jkun hemm miktub "proxxmu"

## Ktieb tal-Attivitajiet

Fuq il-ktieb jiktbu okkażżjonijiet fejn huma setgħu ġġudikaw mingħajr ma jidħlu f'dettalji żejda.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.

## Noti personali:




**L-istorja ta' Anthony**

Anthony trabba f'familja mill-aħjar. Ommu kienet twasslu kullimkien. Filgħodu kienet twasslu l-iskola u filgħaxija kienet twasslu għall-katekiżmu jew il-privat. Iżda darba waħda dan kollu nbidel meta Anthony qal lil ommu li ma hemmx għalfejn tkompli twasslu. L-omm bdiet tinkwieta għax ma kinitx taf x'kien ġralu.

Darba waħda l-omm staqsiet lil binha għalfejn ma ridhiex twasslu. Anthony ipprova jġib ħafna skużi iżda wara li l-omm baqgħet tissikkah, qalilha l-verità. Qalilha li kien qed jiddejjaq minħabba li kellha idejha koroħ u mkemmxin. Saħansitra kien hemm minn sħabu li bdew jaqbdu miegħu fuq hekk. Anthony beda jħossha ħafna din ta' idejn ommu u bejn ma riedx li ommu ssir taf u bejn ma riedx li jibqa' jiġi mgħajjar minn sħabu, iddeċieda li jmur fejn imur jibda jmur waħdu. L-omm meta semgħet dan kollu ma qalitx kelma waħda. Baxxiet għajnejha u qagħdet kwieta. Wara ftit minuti ħarset f'għajnejn binha u, flok bdiet tispjegalu, qaltlu li xtaqet tgħidlu storja.

Qaltlu li darba kien hemm omm li kellha tifel il-ġmiel tiegħu. Kien tifel ħelu u kulħadd jiggustah. Kienet tħobbu ħafna u kienet lesta li tagħmel kollox għalih. Iżda darba waħda ġrat xi ħaġa li qatt ma basret li ser tiġri. Kienet fuq il-bejt tonxor waqt li t-tifel kien isfel fil-cot jilgħab. Buffura riħ waqqgħet ix-xemgħa li kien hemm quddiem l-istatwa tal-Madonna u laqtet il-purtiera. F'kelma waħda in-nar beda jixtered u beda riesaq iktar lejn il-cot. Min-naħa l-oħra l-omm lestiet u bdiet niezla l-isfel bil-friskatur vojt. Mill-ewwel indunat x'kien ġara hekk kif rat id-duħħan ħiereġ mill-kamra ta' binha. Telqet il-friskatur mal-art u marret b'ġirja sħiħa lejn il-kamra. Minħabba d-duħħan, lil binha ma ratux imma setgħet tisma' l-biki tiegħu ġej minn ġol-cot. Serrħet moħħha li kien għadu ħaj, dawret il-flokk ma' ħalqha biex ma tiblax duħħan u marret lejn il-cot. Dak il-ħin stess, waqgħet l-ixkaffa tal-Madonna fuq il-cot u ġiet eżatt maġenb binha. Dak il-ħin ma ħasbet xejn, qabdet l-ixkaffa b'idha, tajritha 'l bogħod mit-tifel, qabditu u ħarġet tiġri bih mill-kamra.

Hekk kif ħarġet mill-kamra, bieset bewsa lit-tifel, ċemplet l-emerġenza u qagħdet bilqiegħda tibki maġenb binha. Bdiet tibki kemm bil-ħasda u anke bl-uġigħ li kellha f'idejha. Idejha kienu nħarqu u saru neħha waħda.

Hekk kif spiċċat ir-rakkont, għajnejn Anthony kienu mxarrbin bid-dmugħ. Kien induna li dik it-tarbija salvata minn ommha ma kienet ħadd ħlief hu u dik l-omm bl-idejn maħruqa kienet ommu l-għażiża. Kemm iddispjaċieh li kien iġġudika lil ommu! Minn dakinhar ma bedhiex jiddejjaq joħroġ ma' ommu anzi kien kburi bil-kuraġġ ta' ommu li salvatlu ħajtu, anke jekk din kienet tfisser li se tħassar idejha.

# 2 Bniedem ta' ħniena

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Issir reviżjoni ħafifa billi nerġgħu nistaqsu min aħna u fejn ninsabu fil-ħajja tagħna. Tiġi rrakuntata l-istorja tal-mara li daħlet għand Xmun u dilkitlu saqajh biż-żejt u ixxutathomlu b'xagħarha.

## Ikollok bżonn:

- Flixkun balzmu
- Video Clip (CD)
- Lapsijiet u karti

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Bniedem ta' ħniena

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna niġġudikaw lil ħaddieħor u ninsew li aħna wkoll niżbaljaw. Agħtina l-għajnuna tiegħek bħalma għamilt ma' nies qabilna biex aħna ma nitilqu qatt it-triq li twassal għandek.*

Il-katekista juri lil parteċipanti flixkun tal-balzmu. Isaqsihom jekk ġieli raw dan il-flixkun jew inkella jekk jafux kif inhi r-rieħa tiegħu. IL-katekist jista' jdawwar il-flixkun mal-parteċipanti biex jaraw u jxommuh. Il-katekist isaqsihom jekk dan il-balzmu ifuħ ħafna u mhux daqshekk komuni, x'nistgħu ngħidu fuqu? Il–parteċipanti iwieġbu li hu fwieħa speċjali ħafna u li jiswa' l-flus ħdejn żjut oħra komuni. Il-katekista ikompli jispjega li fi żmien dan il-flixkun fwieħa kellu tifsira speċjali

**KONTENUT**
Jintwerta video clip ta' meta Marija Madalena daħlet fil-kamra għand Xmun tidliklu saqajh biż-żejt mis-CD tar-riżorst. Wara l-katekist jistaqsi lill-parteċipanti biex joħorġu l-punti prinċipali tal-istorja u jibda jiktibhom fuq il-board. L-idea hi li mal-parteċipanti jerġa jibni l-istorja ħalli mbagħad inkunu nistgħu niddiskutu l-messaġġ prinċipali tas-silta.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Din il-mara tat l-aħjar tagħha lil Ġesù ... u int x'ser toffrilu? Fuq il-kaxxa jiktbu lil Ġesù xi ħaġa speċjali li jixtiequ jtuh bħal per eżempju li jixtiequ jħobbuh aktar, jaħfru iktar, jgħinu iktar etċ. Il-katekist jispjega li Marija Madalena dilket saqajn Ġesù. Aħna ma nistgħux nagħmlu dan imma kulma nagħmlu ma' ħaddieħor, inkunu qed nagħmluh ma' Ġesù

## Għeluq

Il-katekista jqassam karta u l-parteċipanti jiktbu fuqha talba ta' tifħir. Huma jpoġġuha quddiem xbieha ta' Ġesù li tkun armata apposta.

Noti personali:



**B. It-Tieni Laqgħa**

# Naħarbu l-preġudizzju

**Ikollok bżonn:**

- Siġġijiet
- Mużika
- Presentation tal-istorja tal-konverżjoni ta' Żakkew

**L-GĦAN**

Nimplementaw din il-ġrajja fil-ħajja tagħna. Matul din il-ġrajja naraw l-umanità u t-tenerezza ta' Ġesù fejn minflok ma jikkundanaha iħenn għal dik il-mara. Ġesù jitħallat mal-midinbin u ma jimxix bl-istess mod tal-bniedem.
Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

*Mulej, kultant aħna niġġudikaw lil ħaddieħor u ninsew li aħna wkoll niżbaljaw. Agħtina l-għajnuna tiegħek bħalma għamilt ma' nies qabilna biex aħna ma nitilqu qatt it-triq li twassal għandek.*

Il-katekista javża lil parteċipanti biex iġibu magħhom oġġetti li jkunu ser jarmu iżda li hu rriċiklati. Iqgħiedu kollox fin-nofs. Il-katekista isaqsihom x'jistgħu jagħmlu b'kull waħda minnhom. Wara ftit ħin jistgħu jaslu għal soluzzjoni fuq kull waħda. Minn dan l-eżerċizzju, il-parteċipanti jitgħallmu li kull oġġett (... u persuna) għandu valur anke jekk ma tarahx mill-bidu.

**KONTENUT**

Il-katekista jorganizza l-logħba musical chairs. Hekk kif jibdew jinqalgħu l-parteċipanti, il-katekista jsaqsi lil kull parteċipant li jinqala' kif qed iħossu issa li nqala' mil-logħba u qed jara lil sħabu jilgħabu. Wara li tispiċċa l-logħba, il-katekista jispejega lill-parteċipanti li fi żmien Ġesù kien hemm grupp ta' nies li ħassewhom maqtugħin mill-kumplament tas-soċjetà imma Ġesù kien dejjem lest li jilqagħhom.

Tinqara s-silta mill-Vanġelu waqt li jintwerew l-istampi tal-istorja ta' Żakkew. (Luqa19: 2-10)

Il-katekista isaqsi lil parteċipanti dwar id-differenzi bejn Żakkew ta' qabel ma' ltaqa' ma' Ġesù u Żakkew, il-bniedem il-ġdid li kkonverta. Jispjega li għalkemm in-nies kien jwarrbu lil Żakkew, Ġesù ra fih valur kbir. Ġesù ma jarmi lil ħadd, anzi jsejjaġ lil dawk li huma mwarrbin.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-parteċipanti jiktbu fil-qosor x'punti jaħsbu liema hu l-messaġġ ċentrali tal-istorja.

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba

# Noti personali:


Naħarbu
l-preġudizzju

Kull fejn kien imur Ġesù, n-nies kienet toħroġ bi ħġarha biex tarah u tisimgħu. Kliemu kien jinżel tajjeb ma' ħafna u l-mirakli li kien jagħmel komplew żiduh fil-popolarità. Warajh kont issib minn kull xorta ta'nies… fosthom midinbin li kienu magħrufa.

Konverżjoni Lq 19, 1-10

Żakkew kien pubblikan, jaħdem mar-Rumani billi jiġbor it-taxxi. In-nies kienet tqishom tradituri, għax kienu jaħdmu mar-Rumani u ħalliela, għax ħafna minnhom kienu jieħdu aktar milli suppost.

Jum minnhom kien se jgħaddi Ġesù u Żakkew ħareġ biex jarah. Imma minħabba li kien ftit qasir ma setax jara u minħabba l-fama tiegħu ħadd ma ried jersaqlu biex jara. Allura qatagħha li jitla' fuq siġra biex jara.

Ikteb fil-qosor x'taħseb li hu l-messaġġ ċentrali ta' din l-istorja.

Iżda b'sorpriża għal kulħadd, kif wasal Ġesù mar dritt ħdejn Żakkew u talbu jinżel mis-siġra għax xtaq imur għandu.

In-nies l-oħra bdew igergru għal Ġesù. Imma l-għażla tiegħu għamlet differenza kbira fil-ħajja ta' Żakkew.

Nofs ġidu qatagħha li jagħtih lill-foqra u jekk qarraq b'xi ħadd kien se jagħtih lura għal erba' darbiet. Tassew li kien inbidel.

81

# 3 L-ewwel xhud!

## Ikollok bżonn:

- Kaxxa vojta mgeżwra f'ħafna wrapping paper
- Mużika
- Armar taparsi studio ta' radio

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
L-istorja ta' Marija ma tispiċċax mal-mewt ta' Ġesù. Tkun hi l-ewwel dixxiplu li tersaq lejn Ġesù u tkun hi li xxandru ma' sħabha. Tiġi rrakuntata l-istorja ta' meta Marija rat lil Ġesù fil-ġnien ftit wara li qam mill-mewt.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

### L-ewwel xhud!

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna niġġudikaw lil ħaddieħor u ninsew li aħna wkoll niżbaljaw. Agħtina l-għajnuna tiegħek bħalma għamilt ma' nies qabilna biex aħna ma nitilqu qatt it-triq li twassal għandek.*

Il-katekista jibda l-lezzjoni billi jqassam rigal imgeżwer f'ħafna karti waqt li tibda tindaqq il-mużika. Ma kull darba li tispiċċa l-mużika, għand min tasal il-kaxxa, ineħħi saff karti. Il-kaxxa tibqa' ddur sakemm jispiċċaw il-karti kollha u l-aħħar parteċipant jinduna li l-kaxxa hi vojta.

**KONTENUT**
Preżentatur: Għeżież nilqagħkom għal programm ieħor 'Kurżitajiet' fuq l-istazzjon tar-Radju Ġerusalemm FM. Kif issa drajtu matul dan il-programm qed niltaqgħu ma' persunaġġi li ltaqgħu ma' ġrajjiet mhux tas-soltu. Magħna fl-istudio għandi lil Marija ta' Magdala. Insellimlek Marija u f'isem is-semmiegħa nilqgħek fil-programm tagħna. Qabel xejn Marija, għidli dwar il-laqgħa tiegħek ma' Ġesù.

Marija: Bqajt miegħu sal-aħħar – sakemm niżżluh minn fuq is-salib u rajthom jidfnuh. Ridt inkun ċerta f'liema qabar ser jidfnuh għax żgur ma kontx ser nissaporti ma mmurx inżuru. U fil-fatt hekk għamilt. L-għada filgħodu kmieni kien għadu lanqas sebaħ, kien dlam ċappa. Morna jien u ftit ħbieb oħra tiegħi biex nidilkuh kif inhi d-drawwa tagħna. Iżda hekk kif wasalt, ħadt l-ikbar qatgħa ta' ħajti.

Preżentatur: Mela x'ġara?

Marija: Hekk kif ersaqna lejn il-qabar rajna li l-ġebla kienet immexxija. Jien ma stajtx nemmen lil għajnejja għax naf li kienet tqila ħafna biex imexxuha. Barra minn hekk kien hemm ukoll l-għassa mal-qabar. Ħarisna lejn xulxin u ma konniex nafu x'ser nagħmlu. Bejn il-fixla u l-paniku tlaqt niġri lejn fejn kienu qed jistaħbew l-appostli.

Preżentatur: Għax tgħid, vera kellek il-kuraġġ biex int mort ħdejn il-qabar ta' Ġesù u l-appostli, rġiel mogħla hawn baqgħu ġewwa għax beżgħu. Emmnuk l-appostli li l-blata kienet imċaqilqa?

Marija: Hekk kif għedtilhom, Pietru u Ġwanni telqu jiġru lejn il-qabar biex jaraw verament x'ġara. Jien bqajt sejra warajhom iżda ma flaħtx nidħol fil-qabar. Biżżejjed kien xokk għalija li sibt il-qabar vojt aħseb u ara li nara l-post fejn kien impoġġi. Qgħadt naħseb bejni u bejn ruħi x'ġara eżattament. Minn meta ltqajt miegħu, bqajt nimxi dejjem warajh u mmur kull fejn imur. Iżda issa mort infittxu u ma sibtux. F'ħin minnhom fettilli nħares lejn il-qabar. U hemmhekk ħadt it-tieni qatgħa!!

Preżentatur: Mela x'ġara?

Marija: Hekk kif tbaxxejt lejn il-qabar rajt żewġ anġli lebsin l-abjad, bilqiegħda, wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn fejn kienu qiegħdu l-ġisem ta' Ġesù. Huma qaluli: "Għalfejn qiegħda tibki?" Jien weġibt: "Għax ħadu lil Sidi, u ma nafux fejn qegħduh."

Preżentatur: Min jaf kif bqajt xħin rajt lil dawk l-anġli!

Marija: Dak mhu xejn. Hekk kif għadni ċċassata nħares lejn dik ix-xena, nisma' leħen ġej minn warajja. Kien leħen familjari imma dak il-ħin ma stajtx nagħrfu. Indur u nara raġel warajja. Ħsibtu dak li jieħu ħsieb il-ġnien. Saqsejtu bil-ħniena jekk kienx ħa l-ġisem ta' Ġesù. Ma kienx hemm min jieħdu ħlief hu. Dlonk staqsejtu: "Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu, u jiena nġibu lura."

Preżentatur: Nista' nimmaġina f'liema qagħda kont.

Marija: F'daqqa waħda dak ir-raġel li kien hemm quddiemi sejjaħli "Marjam!" Jien b'għaġeb kbir dort u weġibtu: 'Rabbuni!' jiġifieri Mgħallem. B'ferħ li ma nispjegahx mort biex ngħannqu miegħi iżda hu għamel mill-ewwel pass lura waqt li qalli: "La tmissnix, għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom."

Preżentatur: Ħallejtni mingħajr kliem. X'għamilt dak il-ħin?

Marija: Dak il-ħin stess tlaqt lura niġri lejn id-dixxipli għat-tieni darba iżda din id-darba mhux bil-biża' u d-dispjaċir iżda b'ferħ kbir. Mort nagħtihom l-aħbar u għedtilhom b'dak kollu li rajt u qalli Ġesù. Bqajt dieħla ġewwa u għedtilhom, "Rajt lill-Mulej!"

Preżentatur: Kelli bosta mistednin f'dan l-istudio u smajna ħafna rakkonti differenti iżda storja bħal din naċċertak li la jien u lanqas is-semmiegħa qatt ma semgħu bħalha. Marija nerġa' nieħu l-okkażjoni li nirringrazzjak li għoġbok taqsam din l-esperjenza tiegħek magħna. Żgur li kienet opportunità biex taqdi l-missjoni li tak Ġesù… dik li twassal din l-aħbar it-tajba lil kulħadd. Nixtieq insellem ukoll lis-semmiegħa waqt li nżommu l-appuntament tagħna għal ġimgħa oħra. Saħħa.




# Intervista ma' Marija

**PREŻENTATUR:** Għeżież nilqagħkom għal programm ieħor 'Kurżitajiet' fuq l-istazzjon tar-Radju *Ġerusalemm FM*. Kif issa drajtu matul dan il-programm qed niltaqgħu ma' persunaġġi li ltaqgħu ma' ġrajjiet mhux tas-soltu. Magħna fl-istudio għandi lil Marija ta' Magdala. Insellimlek Marija u f'isem is-semmiegħa nilqgħek fil-programm tagħna. Qabel xejn Marija, għidli dwar il-laqgħa tiegħek ma' Ġesù.

**MARIJA:** Bqajt miegħu sal-aħħar – sakemm niżżluh minn fuq is-salib u rajthom jidfnuh. Ridt inkun ċerta f'liema qabar ser jidfnuh għax żgur ma kontx ser nissaporti ma mmurx inżuru. U fil-fatt hekk għamilt. L-għada filgħodu kmieni kien għadu lanqas sebaħ, kien dlam ċappa. Morna jien u ftit ħbieb oħra tiegħi biex nidilkuh kif inhi d-drawwa tagħna. Iżda hekk kif wasalt, ħadt l-ikbar qatgħa ta' ħajti.

**PREŻENTATUR:** Mela x'ġara?

**MARIJA:** Hekk kif ersaqna lejn il-qabar rajna li l-ġebla kienet imneħħija. Jien ma stajtx nemmen lil għajnejja għax naf li kienet tqila ħafna biex imexxuha. Barra minn hekk kien hemm ukoll l-għassa mal-qabar. Ħarisna lejn xulxin u ma konniex nafu x'ser nagħmlu. Bejn il-fixla u l-paniku tlaqt niġri lejn fejn kienu qed jistaħbew l-appostli.

**PREŻENTATUR:** Għax tgħid, vera kellek il-kuraġġ biex int mort ħdejn il-qabar ta' Ġesù u l-appostli, rġiel mogħla hawn baqgħu ġewwa għax beżgħu. Emmnuk l-appostli li l-blata kienet imċaqilqa?

**MARIJA:** Hekk kif għedtilhom, Pietru u Ġwanni telqu jiġru lejn il-qabar biex jaraw verament x'ġara. Jien bqajt sejra warajhom iżda ma flaħtx nidħol fil-qabar. Biżżejjed kien xokk għalija li sibt il-qabar vojt aħseb u ara li nara l-post fejn kien impoġġi. Qgħadt naħseb bejni u bejn ruħi x'ġara eżattament. Minn meta ltqajt miegħu, bqajt nimxi dejjem warajh u mmur kull fejn imur. Iżda issa mort infittxu u ma sibtux. F'ħin minnhom fettilli nħares lejn il-qabar. U hemmhekk ħadt it-tieni qatgħa!!

**PREŻENTATUR:** Mela x'ġara?

**MARIJA:** Hekk kif tbaxxejt lejn il-qabar rajt żewġ anġli lebsin l-abjad, bilqiegħda, wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn fejn kienu qiegħdu l-ġisem ta' Ġesù. Huma qaluli: "Għalfejn qiegħda tibki?" Jien weġibt: "Għax ħadu lil Sidi, u ma nafux fejn qegħduh."

**PREŻENTATUR:** Min jaf kif bqajt xħin rajt lil dawk l-anġli!

**MARIJA:** Dak mhu xejn. Hekk kif għadni ċċassata nħares lejn dik ix-xena, nisma' leħen ġej minn warajja. Kien leħen familjari imma dak il-ħin ma stajtx nagħrfu. Indur u nara raġel warajja. Ħsibtu dak li jieħu ħsieb il-ġnien. Saqsejtu bil-ħniena jekk kienx ħa l-ġisem ta' Ġesù. Ma kienx hemm min jieħdu ħlief hu. Dlonk staqsejtu: "Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu, u jiena nġibu lura."

**PREŻENTATUR:** Nista' nimmaġina f'liema qagħda kont.

**MARIJA:** F'daqqa waħda dak ir-raġel li kien hemm quddiemi sejjaħli "Marjam!" Jien b'għaġeb kbir dort u weġibtu: 'Rabbuni!' jiġifieri Mgħallem. B'ferħ li ma nispjegahx mort biex ngħannqu miegħi iżda hu għamel mill-ewwel pass lura waqt li qalli: "La tmissnix, għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom."

**PREŻENTATUR:** Ħallejtni mingħajr kliem. X'għamilt dak il-ħin?

**MARIJA:** Dak il-ħin stess tlaqt lura niġri lejn id-dixxipli għat-tieni darba iżda din id-darba mhux bil-biża' u d-dispjaċir iżda b'ferħ kbir. Mort nagħtihom l-aħbar u għedtilhom b'dak kollu li rajt u qalli Ġesù. Bqajt dieħla ġewwa u għedtilhom, "Rajt lill-Mulej!"

**PREŻENTATUR:** Kelli bosta mistednin f'dan l-istudio u smajna ħafna rakkonti differenti iżda storja bħal din naċċertak li la jien u lanqas is-semmiegħa qatt ma semgħu bħalha. Marija nerġa' nieħu l-okkażjoni li nirringrazzjak li għoġbok taqsam din l-esperjenza tiegħek magħna. Żgur li kienet opportunità biex taqdi l-missjoni li tak Ġesù… dik li twassal din l-aħbar it-tajba lil kulħadd. Nixtieq insellem ukoll lis-semmiegħa waqt li nżommu l-appuntament tagħna għal ġimgħa oħra. Saħħa.

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Alla għandu missjoni għalina

**L-GĦAN**
Waqt l-implimentazzjoni ta' din il-ġrajja fil-ħajja tagħna, jinħareġ il-fatt li għall-ewwel ma tagħrafx lil Ġesù mill-ewwel iżda wara li għarfitu, hu bagħtha. Matul din il-lezzjoni naraw x'missjoni għandu għalina Ġesù.

## Ikollok bżonn:

- Maskri ta' ħabib, qassis, fireman, puluzija, nurse eċċ.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna niġġudikaw lil ħaddieħor u ninsew li aħna wkoll niżbaljaw. Agħtina l-għajnuna tiegħek bħalma għamilt ma' nies qabilna biex aħna ma nitilqu qatt it-triq li twassal għandek.*

**INTRODUZZJONI:**
Il-katekista tipprovdi maskri differenti ta' nies li għandhom irwoli jew servizzi differenti. Dawn jistgħu ikunu bħal ħabib, qassis, fireman, puluzija, nurse. Il-katekista isaqsi lil parteċipanti min fejn tagħraf li perusna għandha rwol u mhux ieħor. Ir-risposta tkun li tagħraf skont l-uniformi tal-persuna. Il-katekista isaqsi ukoll dwar x'inhu l-irwol tal-persuna. Hawn il-parteċipanti jgħidu li dan ivarja minn persuna għal oħra għax kollha kemm huma għandhom servizz jew missjoni differenti x'jaqdu. Hawn jibdew jiddiskrivu l-irwoli rispettivi.

**KONTENUT**
Preżentatur: Insellmilkom u nilqagħkom għal programm ieħor fis-sensiela tagħna "Kurżitajiet". Bħalma ħafna minnkom jafu, il-ġimgħa l-oħra kelli miegħi fl-istudio lil Marija li rrakuntatilna l-istorja straordinarja tagħha bħala l-ewwel xhud tal-qawmien mill-mewt ta' Ġesù ta' Nazaret. Kienu ħafna minnkom is-semmiegħa tagħna li ċempluli jew bagħtuli email biex nerġa' nistieden lil Marija biex tkompli tgħidilna fuq l-esperjenza tagħha. Bi pjaċir kbir ngħidilkom li Marija laqgħet bil-ferħ l-istedina tagħna u għal darb'oħra qiegħda magħna fl-istudio. Infakkarkom li min jixtieq jitkellem magħna jista' jagħmel dan billi jċemplilna fuq in-numru tal-istazzjoni jew inkella jibagħtilna email. Il-linji huma miftuħin. Ma nixtieqx indum iktar b'din l-introduzzjoni għax naf li Marija għandha ħafna iktar x'tgħidilna.

Insellimlek Marija u f'isem is-semmiegħa nirringrazzjak li tinsab magħna.

Marija: Insellem lilek u lil dawk kollha li qegħdin isewguna. Nirringrazzjakom li stedintuni għal darb'oħra fuq l-istazzjoni tagħkom.

Preżentatur: Marija, il-ġimgħa l-oħra ħallejtna bla kliem bl-esperjenza unika tiegħek. Għal min ma kienx magħna l-ġimgħa l-oħra, Marija marret ħdejn il-qabar ta' Ġesù biex, skont l-użanza, tidlek lil Ġesù biż-żjut. Iżda kif waslet Marija ma sabet lil ħadd. Aktar tard tiltaqa' ma' raġel li għall-ewwel ħasbitu bniedem kwalunkwe imma malajr intebħet li dan kien Ġesù – dak li ftit sigħat qabel kien midfun b'mejjet, issa kien ħaj! Ġesù kien qam mill-mewt, u Marija kienet l-ewwel xhud ta' dan l-avveniment uniku.

Marija: Hekk hu. Minn dakinhar il-ħajja tiegħi u tad-dixxipli l-oħra nbidlet ta' taħt fuq. L-appostli għaddew madwar 40 ġurnata jduru ma' Ġesù. F'dan iż-żmien Ġesù kompla jagħmel xi mirakli biex juri kemm hu kbir. Fost dawn insibu meta deher lid-dixxipli ta' Emmaws u meta mexa fuq l-ilma. Wara dan iż-żmien, Ġesù tela' s-sema. Wara għaxart ijiem bagħtilna l-Ispirtu s-Santu u hekk bdiet il-ħajja tal-Knisja.

Preżentatur: L-istorja tiegħek ma tieqaf qatt tissorprendina. Infatti lkoll kemm aħna f'Ġerusalemm niftakru x'riħ kbir qam dakinhar u f'daqqa waħda ħarġu l-appostli minn dik id-dar jgħallmu u jgħammdu f'isem Ġesù. Iżda qabel ma nkompli nixtieq indaħħal telefonata. Hello… nilqgħek fil-programm tagħna. X'tixtieq tgħidilna?

Semmiegħa: Hello. L-ewwel nett nirringrazzja lil Marija tal-esperjenzi li qed taqsam magħna. Ħallejtna bla kliem b'dak li qed tgħidilna. Nixtieq

ngħaddi kumment dwar it-taqliba li ġabu magħhom dawn l-appostli. Għandi t-tfal iġġennu warajhom. Dejjem iridu jmorru fejn ikunu huma. Kull meta nitilgħu fis-sinagoga dejjem naraw in-nies mdawrin magħhom. Minn fejn ġabu din il-qawwa kollha?

Marija: Hekk hu sewwa qed tgħid. Minn mindu ltqajna ma' Ġesù, il-ħeġġa tagħna kompliet tikber u donnu mhu qed negħjew qatt. Il-qawwa tiegħu taħdem dejjem fina u ġurnata wara oħra l-ferħ tagħna jkompli jiżdied. Ġesù jimliena b'paċi kbira li lanqas aħna ma nafu kif nispjegawha. Dejjem irridu naħdmu iżjed u iżjed. In-nies li jridu jimxu wara Ġesù qed ikomplu jiżdiedu. It-tagħlim tiegħu hu wisq sabiħ u l-appostli qed jagħmlu ħafna għeġubijiet permezz tiegħu.

Preżentatur: Jidher li Ġesù mhux sempliċiment tela' s-sema u daqshekk, imma l-missjoni li beda hu qed tkompluha intom ukoll.

Marija: Sewwa qed tgħid. Il-missjoni ta' Ġesù fuq din l-art kienet biss il-bidu. Permezz ta' dak li għamel uriena kif għandna ngħixu. Iżda ma spiċċatx hawn. Aħna u ħafna oħrajn qed inkomplu fuq dak li beda hu. Infatti kienet ix-xewqa tiegħu biex immorru u nxandruh mal-ġnus kollha. Dawn kienu l-aħħar kelmiet tiegħu.

Preżentatur: Qed issemmi ħafna affarijiet li ma tistax ma tistaqsix fuq min hu dan Ġesù u kemm hi verament ħaġa sabiħa li timxi warajh. Iżda ma ssibux diffikultajiet intom u tagħmlu dan?

Marija: Diffikultajiet insibu ħafna speċjalment mingħand dawk li ma jridux jaċċettaw lil Ġesù jew inkella għadhom ma fehmux li l-ferħ u l-paċi vera ġejjin minnu biss. Infatti uħud minna diġa rċevew theddida ta' ħabs u oħrajn tkeċċew minn fuq il-post tax-xogħol għax huma qed jimxu wara t-tagħlim tiegħu. Iżda Ġesù stess kien qalilna li hemm lesti kull xorta ta' tbatija għal min lest li jimxi warajh.

Preżentatur: Din il-ħaġa ma taqtgħalkomx qalbkom?

Marija: Lanqas xejn. Anzi timliena b'kuraġġ ħafna ikbar. Minkejja dan kollu, dan li Ġesù hu dejjem magħna. Kieku din il-missjoni mhix ġejja minnu u hu mhux magħna, kieku ma jersqux dawn in-nies lejna biex isiru jafuh iktar. Bl-għajnuna tiegħu dejjem qed nissaħħu bejnietna u fih.



Preżentatur: Meta toħroġ barra, tara ħafna nies għaddejjin u tiltaqa' ma' nies differenti. Minn fejn tkun taf liema huma li qed jimxu wara Ġesù? Intom tilbsu xi ħaġa biex turu li intom ta' Ġesù?

Marija: Ma għandna xejn minn barra li juri li aħna nimxu wara Ġesù. Ma nilbsu xejn speċjali jew nagħmlu xi ħaġa ta' barra minn hawn. Minnaħa l-oħra dejjem nippruvaw ngħixu b'mod tajjeb mill-aħjar li nistgħu. Dak li jmexxina fil-ħajja tagħna hu dak li qalilna Ġesù. Hu tana eżempju kif nagħmlu dan.

Preżentatur: Liema hi dik il-ħaġa li żżommkom flimkien?

Marija: L-imħabba .. dik hi l-qofol ta' kollox. Meta nħobbu lil xulxin inkunu qed nersqu aktar qrib ta' xulxin u lejn Ġesù. L-akbar imħabba wrihielna hu meta miet fuq is-salib għalina u qam mill-mewt biex kulħadd ikun jista' jgawdih. L-imħabba hi dik il-ħaġa li hi komuni f'kulħadd u li permezz tagħha nistgħu nuru li aħna verament dixxipli ta' Ġesù.

Preżentatur: Marija, kif qed naraw, Ġesù takom missjoni kbira u speċjali u intom qed tagħmlu li tistgħu biex dik tagħmluha tajjeb sal-aħħar. Allura biex nimxi jien ukoll wara Ġesù bilfors irrid nagħmel dak li qed tagħmlu intom?

Marija: Le mhux bilfors. Kulħadd għandu l-missjoni tiegħu x'jaqdi ... kulħadd jgħix b'mod tajjeb skont il-pożizzjoni tiegħu. Per eżempju, jekk xi ħadd hu ġenitur, jgħix ta' ġenitur b'mod tajjeb; jekk xi ħadd hu għalliem, pulizija, nurse jew għandu xi xogħol ieħor, jagħmel dan ix-xogħol mill-aħjar li jista'. Anke t-tfal għandhom parti mill-missjoni ta' Ġesù!

Preżentatur: Kif jistgħu t-tfal jagħmlu dan?

Marija: Billi kuljum jippruvaw jixbhu ftit iktar lil Ġesù li tant iħobbhom. Dak li għandhom jagħmlu, jagħmluh b'mod tajjeb u mill-aħjar. Anke meta jkunu ma' sħabhom jistgħu jkunu ta' xhieda.

Preżentatur: Użajt kelma ftit tqila. Xi tfisser "xhieda"?

Marija: "Xhieda" tfisser li turi li int qed timxi wara Ġesù billi tagħmel dak li jrid hu. In-nies ma jistgħux jaraw lil Ġesù. Allura jaraw lilek timxi fuq il-passi ta' Ġesù. B'hekk ikunu qed jaraw lil Ġesù fik. Din tkun iktar diffiċli meta n-nies ta' madwarek ifixkluk milli tagħmel dan. Iżda Ġesù wegħedna li ħa jkun dejjem magħna. Hu stess wiegħed dan meta qal, "Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien."

Preżentatur: Marija għedtilna diversi affarijiet ta' min naħsbu fuqhom. Hekk kif jitfu r-radju, is-semmiegħa żgur li ser jibqgħu jaħsbu fuq dak li għedtilna. Għal darb'oħra wasalna fi tmien din l-intervista. Nirringrazzjawk ħafna li kont magħna u nittamaw li nerġgħu niltaqgħu fil-futur qrib. Grazzi tmur ukoll lill-isponsors tagħna li bis-saħħa tagħhom intellgħu dan il-programm. Insellmilkom u niltaqgħu l-ġimgħa d-dieħla.

Noti personali:

# 4 Il-leħen fost ħafna ilħna

**IT-TEMA PRINĊIPALI**
Insaqsu dwar liema huma l-laqgħa tagħna ma' Ġesù? Issir brainstorming li niltaqgħu ma' Ġesù fl-Ewkaristija, il-Bibbja, il-proxxmu etċ.. Insaqsu dawr xi tfisser li nkunu Ewkaristija għal ħaddieħor? Il-parteċipanti jagħrfu li Ġesù ibiddilna fih biex inkun ta' strument tal-ħajja tiegħu. Il-parteċipanti joħorġu b'lista ta' meta jsir dan.

## Ikollok bżonn:

- Sound effects ta' annimali differenti.

**A. L-Ewwel Laqgħa**

## Il-leħen fost ħafna ilħna

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.
*Mulej, kultant aħna niġġudikaw lil ħaddieħor u ninsew li aħna wkoll niżbaljaw. Agħtina l-għajnuna tiegħek bħalma għamilt ma' nies qabilna biex aħna ma nitilqu qatt it-triq li twassal għandek.*

Fil-lezzjoni ta' qabel rajna kif ser nagħraf lil Ġesù u x'missjoni għandu għalija. Iżda kif u minn fejn ser nagħraf lil Ġesù? Il-katekista issemma numru ta' sound effect differenti ta' ilħna ta' annimali. Waqt li jkunu qed jinstemgħu lkoll f'daqqa, il-katekista isaqsi x'annimali qed jinstemgħu. Il-katekista isaqsi kemm kienet faċli biex jagħrfu liema kienu l-ilħna. Għalfejn sabuha diffiċli? Minn din l-attivita l-katekista jgħid li fil-ħajja tagħna nistimgħu divesri ilħna.

**KONTENUT**
Il-katekista jispjega li anke madwarna hawn ħafna ilħna madwarna. Dawn mhux ta' annimali imma li ġejjin minn diversi sorsi differenti. Fost dawn l-ilħna hemm ukoll ta' Ġesù. Il-katekista isaqsi minn fejn jistgħu jiġu dawn l-ilħna. Il-katekista isaqsi ukoll minn fejn wieħed jista' jagħraf il-leħen ta' Ġesù. Il-katekista jisjega li l-leħen mhux bħal tagħna. Isaqsi lil parteċipanti minn fejn nistgħu nisimgħu dan il-leħen. Dan jista' jkun il-Bibbja, ħutna, talb, ġenituri etċ ...

Jekk nismà tajjeb dan il-leħen ta' Ġesù il-maħbub, nista' nagħraf xi jrid minni u jużani bħala strument tiegħu. Tingħad l-istorja tal-miraklu tal-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet. Il-katekista jagħti l-importanza l-fatt li l-miraklu sar għax kien hemm tifel li offra minn dak li għandu. Dan it-tifel ingħata għal ħaddieħor billi ta dak kollu li għandu.

Il-katekista juri l-video mis-CD tar-riżorsi *What is your "5 loaves & 2 fishes?"* u wara jiddiskuti l-messaġġ mal-parteċipanti.

## Ktieb tal-Attivitajiet

Il-katekista isaqsi fejn nistgħu nfittxu biex nisimgħu l-leħen ta' Ġesù. Il-parteċipanti iwaħħlu stampi ta' postijiet fejn nistgħu nsibu lil Ġesù

## Għeluq

Il-lezzjoni tispiċċa b'talba.

Noti personali:


4

Il-leħen fost

ħafna ilħna

Id-dinja tagħna mimlija ħafna ħsejjes differenti, ilħna jikkompetu biex jiġbdu l-attenzjoni tagħna. Radjijiet idoqqu mużika, reklami fuq it-TV, videos interessanti fuq l-internet, nies jitkellmu u jaqsmu l-opinjoni tagħhom. Imma fost dawn l-ilħna kollha hemm leħen li jekk nisimgħuh jagħmel differenza mill-isbaħ f'ħajjitna. Dan hu l-leħen ta' Ġesù u, għalkemm kultant ma jispikkax daqs l-ilħna l-oħra, min jagħti kasu jinduna li ħajtu hija ferm isbaħ u jfittex li jsib iktar postijiet fejn jista' jisimgħu!

Fejn se nfittxu biex nisimgħu l-leħen ta' Ġesù?
Waħħal stampi ta' postijiet fejn nistgħu nsibu lil Ġesù.

Ikteb talba lil Alla biex dejjem tfittex timxi warajh

87

**B. It-Tieni Laqgħa**

# Niċċelebraw il-fidi tagħna

**L-GĦAN**
Ċelebrazzjoni – Issir ġabra tal-unita kollha. Il-Kelma t'Alla tgħaġinna u l-Ewkaristija ssostnina.

Il-laqgħa tibda b'talba qasira.

## Ikollok bżonn:

- Bżieżaq
- Karti żgħar li fuqhom se niktbu l-messaġġi
- Songs (ara s-CD tar-riżorsi)

*Mulej, kultant aħna niġġudikaw lil ħaddieħor u ninsew li aħna wkoll niżbaljaw. Agħtina l-għajnuna tiegħek bħalma għamilt ma' nies qabilna biex aħna ma nitilqu qatt it-triq li twassal għandek.*

**INTRODUZZJONI:**
Il-katekista jaqsam il-parteċipanti f'żewġ timijiet. Kull jagħżel persuna li ser ikollha għajnejha mgħottijin. Il-katekista ixerred diversi ħwejjeġ madwar il-kamra. Kull tim irid iwassal biex il-parteċipant li mhux qed jara jilbes xi ħaġa minn saqajh, flokk u xi ħaġa f'rasu. It-tim li jagħmel dan l-ewwel ikun ir-rebbieħ.

**KONTENUT**
1. Nibdew bis-song 'Mulej f'Idejk' ta' Robert Galea bħal talba tal-bidu.

2. Att ta' Preżenza:
F'dan il-mument iġġib quddiem għajnejn il-parteċipanti dwar dak kollu li għaddej minnhom fil-ħajja tagħhom bħal x'qed jitgħallmu u x'jagħmlu l-iskola. Iġibu quddiem għajnejhom wieħed wieħed u waħda waħda l-membri tal-familja jew dak li jieħdu ħsiebhom. Jaraw kif qed iġibu ruħhom magħhom u kif jgħaddu l-ħin tagħhom id-dar. Iġibu quddiem għajnejhom il-ħbieb tagħhom li jiltaqgħu magħhom fil-katekiżmu jew xi attività oħra li jmorru. Dan kollu jagħmluh waqt li jkollhom għajnejhom magħluqin u l-mużika għaddejja fl-isfond.

3. Mument ta' maħfra
Bħal mara l-midinba indur lejn Ġesù u nitolbu maħfra. Il-katekista jagħmel reviżjoni ħafifa ta' kif il-mara midinba x'qanqalha biex iddur lejn Ġesù biex tibdel ħajjitha. Il-parteċipanti jiktbu messaġġ lil Ġesù u jsemmulu nuqqas wieħed fil-ħajja tagħhom li jixtiequ jirranġaw. Ippoġġuh quddiem Ġesù li jkun armat f'setup apposta.

4. Song - Your Life Will Change (High Seas Expeditions)

5. Il-Bżieżaq – Messaġġ ta' Ġesù għalik!!
Il-bżieżaq minfuħin b'messaġġ ġo fihom ikunu madwar is-setup li jkun armat. Il-parteċipanti, waqt li jkunu qed jisimgħu d-diska għaddejja, jifqgħu l-bżieżaq waqt li jiġbru minn ġo fihom dak il-messaġġ li jkollhom fihom. Ipoġġu bilqiegħda u wara xulxin jaqraw dak li Ġesù ikun qed jgħidilhom. Imbagħad iwaħħlu dak il-messaġġ fuq il-ktieb tal-attivitajiet.

6. Invokazzjonijiet u talb ieħor
Il-parteċipanti jgħidu talba lil Ġesù. Jistgħu jagħqduha mal-messaġġ li jkunu għadhom kemm qraw. Eż: Grazzi Ġesù ta' kemm tħobbna.

7. Song – Iddeċidejt (Andre Cauchi)
https://www.youtube.com/watch?v=WeI0bbpvKqs
Il-parteċipanti jkantaw flimkien waqt li jagħtu kelma lil Ġesù li ser joffru l-ħajja tagħhom lilu

Noti personali:


# Niċċelebraw il-fidi tagħna

## MULEJ F'IDEJK

**Hsibijietna ndawru lejn l-artal
u naraw is-Sagrificcju tas Salib,
f'dal-mument offrut għalina lkoll.
Biex fuqek tieħu t-toqol ta' kuljum.**

**Mulej f'idejk,
jien nagħti ħajti lilek.
Mulej f'idejk,
ma' dal-ħobż u l-inbid.
Mulej f'idejk,
hawn hi r-rieda tiegħi.
Fuq dan l-artal,
hawn jien Mulej.
Hawn jien.**

Nelle tue mani consegno la mia vita,
insieme con il pane e questo vino.
Signor ti do tutto cio che sono.
Ecco mi qui davanti a te.
Signor. Signor.

We turn our hearts before the altar now.
To behold the Sacrifice on Calvary.
At this moment broken for us all,
that we may be all we're called to be.

Lord here we are,
this life we have to offer.
All we are, with this bread and wine,
we lay it down;
all that we are and will be.
Before You now.
Here we are. We're Yours.

## YOUR LIFE WILL CHANGE

From the page to your heart
God's word is where you are,
read it now,
and your life will change.
Its' exciting, surprising!
Each and every day
read it now
and your life will change,
oh oh oh
and your life will change,
oh oh oh (x2)

God's word will surprise you,
God's word will amaze you,
God's word will surprise you!

Read it now,
and your life will change,
oh, how your life will change!

From the page to your heart
God's word is where you are,
read it now
and your life will change.
Its' exciting, surprising
each and every day
read it now
and your life will change,
oh oh oh,
and your life will change,
oh oh oh (x2)

88

Hawn waħħal il-messaġġ ta' Ġesù li sibt waqt l-attività fil-klassi

## IDDEĊIDEJT

Iddeċidejt Mulej, li ħajti rrid nagħtik.
Jien noffrilek lili nnifsi kif jien.
Ħudni f'idejk u agħmel bija dak li trid.
Kun int, Mulej, is-sid ta' ħajti.

Hawn jien Mulej,
jien lest għalik u għal kulma trid.
Hawn jien Mulej,
bi mħabba kbira għalik

Hawn jien Mulej,
u ikkmandani dak li trid
Hawn jien Mulej, iddeċidejt.

89